// # Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 205

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 66

12 ta' Ġunju 2023

Werrej

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea**

2023/C 205/01 L-aħħar pubblikazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* . . . . . 1

V *Avviżi*

PROĊEDURI TAL-QORTI

**Il-Qorti tal-Ġustizzja**

2023/C 205/02 Kawża C-25/21, Repsol Comercial de Productos Petrolíferos: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tal-20 ta' April 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Juzgado de lo Mercantil nº 2 de Madrid – Spanja) – ZA, AZ, BX, CV, DU, ET vs Repsol Comercial de Productos Petroliferos SA (Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kompetizzjoni – Restrizzjonijiet vertikali tal-kompetizzjoni – Artikolu 101(1) u (2) TFUE – Prinċipju ta' effettività – Regolament (KE) Nru 1/2003 – Artikolu 2 – Direttiva 2014/104/UE – Artikolu 9(1) – Effett vinkolanti tad-deċiżjonijiet definittivi tal-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni li jikkonstataw ksur tar-regoli tad-dritt tal-kompetizzjoni – Applikazzjoni ratione temporis u ratione materiae – Azzjonijiet għal kumpens u għal nullità għal ksur tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni) . . . . . 2

2023/C 205/03 Kawża C-144/21: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tal-20 ta' April 2023 – Il-Parlament Ewropew vs Il-Kummissjoni Ewropea (Rikors għal annullament – Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C (2020) 8797 – Awtorizzazzjoni ta' ċerti użi tat-triossidu tal-kromu – Regolament (KE) Nru 1907/2006 – Ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi – Artikolu 60 – Għoti ta' awtorizzazzjonijiet – Obbligu li jintwera li l-benefiċċji soċjoekonomiċi huma ikbar mir-riskji mill-użu tas-sustanza għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent u li ma jeżistux sustanzi jew teknoloġiji alternattivi xierqa – Artikolu 62 – Applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni – Artikolu 64 – Proċedura għal adozzjoni ta' deċiżjonijiet ta' awtorizzazzjoni) . . . . . 3

MT

2023/C 205/04 Kawża C-291/2, Starkinvest: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tal-20 ta' April 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunal de première instance de Liège – il-Belġju) – Proċedura mressqa minn Starkinvest SRL (Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili – Regolament (UE) Nru 655/2014 – Proċedura ta' ordni Ewropea għas-sekwestru kawtelatorju ta' kontijiet bankarji – Kundizzjonijiet għall-ħruġ ta' tali ordni – Artikolu 4 – Kunċett ta "deċiżjoni" – Artikolu 7 – Kunċett ta' sentenza "li titlob li d-debitur iħallas il-pretensjoni tal-kreditur" – Deċiżjoni ġudizzjarja li tikkundanna debitur għall-ħlas ta' pagamenti ta' penalità fil-każ ta' ksur ta' ordni ta' waqfien – Regolament (UE) Nru 1215/2012 – Artikolu 55 – Kamp ta' applikazzjoni) . . . . . . . . . . 3

2023/C 205/05 Kawża C-329/21 , DIGI Communications: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tal-20 ta' April 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Fővárosi Törvényszék – l-Ungerija) – DIGI Communications NV vs Nemzeti Média- és Hírközlési Hatóság Hivatala (Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Telekomunikazzjonijiet – Networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi – Direttiva 2002/21/KE (Direttiva "Qafas") – Artikolu 4(1) – Direttiva 2002/20/KE (Direttiva ta' "Awtorizzazzjoni") – Artikolu 7 – Għoti tad-drittijiet ta' użu ta' frekwenzi – Proċedura ta' rkant – Kumpannija holding mhux irreġistrata bħala fornitriċi ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi fl-Istat Membru kkonċernat – Esklużjoni mill-proċedura tal-għoti – Dritt għal azzjoni legali kontra d-deċiżjoni tal-għoti) . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 4

2023/C 205/06 Kawża C-413/21 P: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tal-20 ta' April 2023 – Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea vs Aisha Muammer Mohamed El-Qaddafi (Appell – Politika estera u ta' sigurtà komuni – Miżuri restrittivi meħuda minħabba s-sitwazzjoni fil-Libja – Lista tal-persuni u tal-entitajiet li għalihom japplika l-iffriżar tal-fondi u tar-riżorsi ekonomiċi – Lista tal-persuni suġġetti għal restrizzjonijiet ta' dħul u ta' tranżitu fit-territorju tal-Unjoni Ewropea – Żamma ta' isem Aisha Muammer Mohamed El-Qaddafi fil-listi – Bażi fattwali suffiċjentement solida – Obbligu ta' motivazzjoni) . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 5

2023/C 205/07 Kawża C-580/21, EEW Energy from Waste: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (il-Ħames Awla) tal-20 ta' April 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari ta' Bundesgerichtshof – il-Ġermanja) – EEW Energy from Waste Großräschen GmbH vs MNG Mitteldeutsche Netzgesellschaft Strom GmbH (Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Ambjent – Direttiva 2009/28/KE – Promozzjoni tal-użu tal-enerġija prodotta minn sorsi rinnovabbli – Artikolu 16(2)(c) – Aċċess għall-grilja ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni – Aċċess prijoritarju mogħti lill-elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli – Produzzjoni minn sorsi ta' enerġija kemm rinnovabbli kif ukoll konvenzjonali) . . . . . . . . . . . . . . 6

2023/C 205/08 Kawża C-602/21: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) tal-20 ta' April 2023 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika tal-Polonja (Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu – Direttiva 2002/49/KE – Studju u amministrazzjoni tal-ħsejjes ambjentali – Prevenzjoni tal-istorbju – Toroq maġġuri u ferroviji maġġuri – Artikolu 8(1) u (2) – Pjanijiet ta' azzjoni mhux konformi jew ineżistenti – Artikolu 10(2) – Anness VI – Sommarji ta' pjanijiet ta' azzjoni ineżistenti) . . . . . . . . . . . . . . . . 7

2023/C 205/09 Kawża C-650/21, Landespolizeidirektion Niederösterreich u Finanzamt Österreich: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tal-20 ta' April 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Verwaltungsgerichtshof – L-Awstrija) – FW, CE (Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Politika soċjali – Ugwaljanza fit-trattament fil-qasam tal-impjieg u tax-xogħol – Direttiva 2000/78/KE – Projbizzjoni ta' diskriminazzjoni bbażata fuq l-età – Remunerazzjoni tal-uffiċjali – Leġiżlazzjoni nazzjonali preċedenti meqjusa diskriminatorja – Klassifikazzjoni f'sistema ġdida ta' remunerazzjoni b'referenza għall-anzjanità stabbilita skont sistema ta' remunerazzjoni preċedenti – Korrezzjoni ta' din l-anzjanità permezz tal-iffissar ta' data ta' referenza komparattiva – Natura diskriminatorja tal-klassifikazzjoni l-ġdida – Regola intiża li tisfavorixxi lill-uffiċjali ta' età ikbar) . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 8

2023/C 205/10 Kawża C-772/21, Brink's Lithuania: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tal-20 ta' April 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Lietuvos vyriausiasis administracinis teismas – il-Litwanja) – "Brink's Lithuania" UAB vs Lietuvos bankas (Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Protezzjoni mill-iffalsifikar tal-euro – Regolament (KE) Nru 1338/2001 – Artikolu 6(1) – Fornituri ta' servizzi ta' ħlas li l-attività tagħhom hija l-immaniġġar u d-distribuzzjoni ta' karti tal-flus lill-pubbliku – Deċiżjoni BĊE/2010/14 – Artikolu 6(2) – Identifikazzjoni ta' karti tal-flus tal-euro li ma humiex adattati għaċ-ċirkulazzjoni – Verifika awtomatizzata tal-kundizzjoni tal-karti tal-flus – Standards minimi ppubblikati fuq is-sit internet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u emendati perjodikament – Kamp ta' applikazzjoni ratione personae – Portata tal-obbligi tal-cash handlers – Saħħa vinkolanti – Prinċipju ta' ċertezza legali) . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 9

| | | |
|---|---|---|
| 2023/C 205/11 | Kawżi Magħquda C-775/21 u C-826/21, Blue Air Aviation et: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tal-20 ta' April 2023 (talbiet għal deċiżjoni preliminari tal-Curtea de Apel Bucureşti – ir-Rumanija) – Blue Air Aviation SA vs UCMR – ADA Asociaţia pentru Drepturi de Autor a Compozitorilor (C-775/21) u Uniunea Producătorilor de Fonograme din România (UPFR) vs Societatea Naţională de Transport Feroviar de Călători (SNTFC) "CFR Călători" SA (C-826/21) (Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Proprjetà intellettwali – Drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati – Direttiva 2001/29/KE – Artikolu 3(1) – Komunikazzjoni lill-pubbliku – Kunċett – Xandir ta' mużika tal-ambjent – Direttiva 2006/115/KE – Artikolu 8(2) – Remunerazzjoni ekwa – Sempliċi provvista ta' installazzjonijiet – Impjanti ta' awdjo abbord ta' ferroviji u inġenji tal-ajru – Preżunzjoni ta' komunikazzjoni lill-pubbliku) . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . | 10 |
| 2023/C 205/12 | Kawża C-815/21 P: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tal-20 ta' April 2023 – Amazon.com, Inc., Amazon Services Europe Sàrl, Amazon EU Sàrl, Amazon Europe Core Sàrl vs Il-Kummissjoni Ewropea (Appell – Kompetizzjoni – Artikolu 102 TFUE – Abbuż minn pożizzjoni dominanti – Bejgħ online – Regolament (KE) Nru 773/2004 – Artikolu 2(1) – Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea li tiftaħ investigazzjoni – Kamp ta' applikazzjoni territorjali tal-investigazzjoni – Esklużjoni tal-Italja – Tqassim tal-kompetenzi bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni tal-Istati Membri – Regolament (KE) Nru 1/2003 – Artikolu 11(6) – Ċaħda tal-kompetenza tal-awtoritajiet tal-kompetizzjoni tal-Istati Membri – Protezzjoni kontra l-proċeduri mmexxija b'mod parallel mill-awtoritajiet tal-kompetizzjoni tal-Istati Membri u mill-Kummissjoni – Rikors għal annullament – Att li ma jistax jiġi kkontestat – Att li ma jipproduċix effett legali fir-rigward ta' terzi – Att preparatorju – Inammissibbiltà) . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . | 11 |
| 2023/C 205/13 | Kawża C-827/21, Banca A (Applikazzjoni tad-Direttiva dwar l-amalgamazzjoni f'sitwazzjoni interna): Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) tas-27 ta' April 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Înalta Curte de Casaţie şi Justiţie – ir-Rumanija) – Banca A vs Agenţia Naţională de Administrare Fiscală (ANAF), Preşedintele ANAF (Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Direttiva 009/133/KE – Artikolu 7 – Amalgamazzjoni permezz ta' akkwist – Tranżazzjoni purament interna – Supremazija tad-dritt tal-Unjoni barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni – Assenza – Interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni barra mill-kamp ta' applikazzjoni tiegħu – Ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja f'talba għal deċiżjoni preliminari – Kundizzjoni – Dritt tal-Unjoni li sar applikabbli permezz tad-dritt nazzjonali b'mod dirett u inkundizzjonat) . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . | 12 |
| 2023/C 205/14 | Kawża C-52/22, BVAEB (Aġġustament tal-pensjonijiet tal-irtirar): Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tal-20 ta' April 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Bundesverwaltungsgericht – l-Awstrija) – BF vs Versicherungsanstalt öffentlich Bediensteter, Eisenbahnen und Bergbau (BVAEB) (Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Politika soċjali – Ugwaljanza fit-trattament fil-qasam tal-impjieg u tax-xogħol – Direttiva 2000/78/KE – Projbizzjoni ta' diskriminazzjoni bbażata fuq l-età – Artikolu 2(1) u (2)(a) – Artikolu 6(1) – Pensjoni ta' rtirar – Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi allinjament progressiv tal-iskema ta' pensjoni tal-uffiċjali mal-iskema ta' pensjoni ġenerali – L-ewwel aġġustament tal-ammont tal-pensjoni li jseħħ iktar malajr għal kategorija ta' uffiċjali milli għal kategorija oħra – Ġustifikazzjonijiet) . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . | 12 |
| 2023/C 205/15 | Kawża C-70/22, Viagogo: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (is-Seba' Awla) tas-27 ta' April 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Consiglio di Stato – l-Italja) – Viagogo AG vs Autorità per le Garanzie nelle Comunicazioni, Autorità Garante della Concorrenza e del Mercato ("Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kummerċ elettroniku – Direttiva 2000/31/KE – Artikolu 1 – Kamp ta' applikazzjoni – Artikolu 2(c) – Kunċett ta' "min hu stabbilit li jipprovdi servizz" – Artikolu 3(1) – Provvista ta' servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni pprovduti minn min hu stabbilit li jipprovdi servizz fit-territorju ta' Istat Membru – Kumpannija stabbilita fit-territorju tal-Konfederazzjoni Svizzera – Inapplikabbiltà ratione personae – Artikolu 56 TFUE – Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Konfederazzjoni Svizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-moviment liberu tal-persuni – Projbizzjoni ta' restrizzjonijiet fuq il-provvista ta' servizzi transkonfinali li ma jaqbiżx tul ta' 90 jum għal kull sena kalendarja – Provvista ta' servizzi fl-Italja għal perijodu ta' iktar minn 90 jum – Inapplikabbiltà ratione personae – Artikolu 102 TFUE – Assenza ta' kull element fid-deċiżjoni tar-rinviju li jippermetti li tiġi stabbilita rabta bejn il-kawża prinċipali u abbuż possibbli ta' pożizzjoni dominanti – Inammissibbiltà) | 13 |
| 2023/C 205/16 | Kawża C-102/22 P: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tas-27 ta' April 2023 – HC vs Il-Kummissjoni Ewropea (Appell – Servizz pubbliku – Reklutaġġ – Kompetizzjoni ġenerali EPSO/AD/363/18 – Avviż ta' kompetizzjoni – Evalwazzjoni mill-Bord tal-Għażla tar-risposti tal-kandidat fl-eżami tal-"evalwazzjoni tat-talenti" – Nuqqas ta' ammissjoni għall-fażi sussegwenti tal-kompetizzjoni – Sistema lingwistika – Limitazzjoni tal-għażla tat-tieni lingwa tal-kompetizzjoni għal-lingwi Ingliż u Franċiż – Eċċezzjoni tal-illegalità tal-avviż tal-kompetizzjoni – Inammissibbiltà") | 14 |

2023/C 205/17 Kawża C-104/22, Lännen MCE: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tas-27 ta’ April 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Markkinaoikeus – il-Finlandja) – Lännen MCE Oy vs Berky GmbH, Senwatec GmbH & Co. KG (Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Regolament (UE) 2017/1001 – Artikolu 125(5) – Ġurisdizzjoni internazzjonali – Azzjoni għal kontrafazzjoni – Ġurisdizzjoni tal-qrati tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu l-att ta’ kontrafazzjoni kien twettaq jew fejn teżisti theddida li jitwettaq – Reklamar muri minn magna tat-tiftix li tuża isem ta’ dominju nazzjonali tal-ogħla livell – Reklamar li ma jispeċifikax iż-żona ġeografika tal-kunsinna – Elementi li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni) . . . . . . . . . . 14

2023/C 205/18 Kawża C-107/22, X u Inspecteur van de Belastingdienst Douane: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tas-27 ta’ April 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Gerechtshof Amsterdam – il-Pajjiżi l-Baxxi) – X BV, Inspecteur van de Belastingdienst vs Douane district Rotterdam (Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Tariffa doganali komuni – Klassifikazzjoni tal-merkanzija – Nomenklatura Magħquda – Interpretazzjoni – Regoli ġenerali – Regola ġenerali 2(a) – Oġġett ippreżentat fl-istat żarmat jew mhux immuntat – Komponenti intiżi li jikkostitwixxu, wara l-assemblaġġ tagħhom, riċevitur bis-satellita – Klassifikazzjoni bħala riċevitur komplet) . . . . . . . . . . 15

2023/C 205/19 Kawża C-192/22 , Bayerische Motoren Werke: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tas-27 ta’ April 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Bundesarbeitsgericht – il-Ġermanja) – FI vs Bayerische Motoren Werke AG (Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Politika soċjali – Direttiva 2003/88/KE – Artikolu 7(1) – Artikolu 31(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Dritt għal-leave annwali mħallas – Estinzjoni ta’ dan id-dritt – Skema ta’ rtirar progressiv mix-xogħol – Ġranet ta’ leave annwali mħallas miksuba matul il-fażi ta’ xogħol imwettqa abbażi ta’ din l-iskema iżda li għadhom ma ttieħdux – Inkapaċità għax-xogħol) . . . . . . . . . . 16

2023/C 205/20 Kawża C-263/22, Ocidental – Companhia Portuguesa de Seguros de Vida: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa’ Awla) tal-20 ta’ April 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari tas-Supremo Tribunal de Justiça – il-Portugall) – Ocidental – Companhia Portuguesa de Seguros de Vida SA vs LP (Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Klawżoli inġusti fil-kuntratti konklużi mal-konsumaturi – Direttiva 93/13/KEE – -L-Artikoli 3 sa 6 – Kriterji ta’ evalwazzjoni tan-natura inġusta ta’ klawżola kuntrattwali – Rekwiżit ta’ trasparenza – Kuntratt ta’ assigurazzjoni ta’ grupp – Invalidità permanenti tal-konsumatur – Obbligu ta’ informazzjoni – Nuqqas ta’ komunikazzjoni ta’ klawżola ta’ limitazzjoni jew ta’ esklużjoni mill-kopertura tar-riskju assigurat) . . . . . . . . . . 17

2023/C 205/21 Kawża C-282/22, Dyrektor Krajowej Informacji Skarbowej: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) tal-20 ta’ April 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari tan-Naczelny Sąd Administracyjny – il-Polonja) – Dyrektor Krajowej Informacji Skarbowej vs P. w W. (Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Tassazzjoni – Taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) – Direttiva 2006/112/KE – Artikoli 14, 15 u 24 – Punti tal-iċċarġjar ta’ vetturi elettriċi – Tqegħid għad-dispożizzjoni tat-tagħmir intiż għall-iċċarġjar ta’ vetturi elettriċi, il-provvista tal-elettriku neċessarju kif ukoll il-provvista ta’ assistenza teknika u ta’ servizzi informatiċi – Kwalifika bħala “kunsinna ta’ oġġetti” jew bħala “provvista ta’ servizzi”) . . . . . . . . . . 18

2023/C 205/22 Kawża C-348/22, Autorità Garante della Concorrenza e del Mercato (Commune de Ginosa): Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tal-20 ta’ April 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunale Amministrativo Regionale per la Puglia – l-Italja) – Autorità Garante della Concorrenza e del Mercato vs Comune di Ginosa (Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Servizzi fis-suq intern – Direttiva 2006/123/KE – Evalwazzjoni tal-validità – Bażi legali – Artikolu 47, Artikolu 55 u Artikolu 94 KE – Interpretazzjoni – Artikolu 12(1) u (2) ta’ din id-direttiva – Effett dirett – Natura inkundizzjonata u suffiċjentement preċiża tal-obbligu, għall-Istati Membri, li japplikaw proċedura ta’ selezzjoni imparzjali u trasparenti bejn il-kandidati potenzjali, kif ukoll il-projbizzjoni tat-tiġdid awtomatiku ta’ awtorizzazzjoni mogħtija għal attività partikolari – Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi l-estensjoni awtomatika ta’ konċessjonijiet ta’ okkupazzjoni tal-proprjetà pubblika marittima) . . . . . . . . . . 19

2023/C 205/23 Kawża C-372/22, CM (Dritt ta’ aċċess għal wild li ċċaqlaq): Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa’ Awla) tas-27 ta’ April 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunal d’arrondissement de Luxembourg – il-Lussemburgu) – CM vs DN (Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Ġurisdizzjoni, rikonoxximent u eżekuzzjoni tas-sentenzi fil-qasam matrimonjali u fil-qasam tar-responsabbiltà tal-ġenituri – Regolament (KE) Nru 2201/2003 – Artikoli 9 u 15 – Żamma tal-ġurisdizzjoni tal-qrati tal-Istat Membru tar-residenza abitwali preċedenti tal-wild wara ċ-ċaqliq – Kunċett ta’ “ċaqliq” – Talba għal modifika ta’ deċiżjoni dwar id-dritt ta’ aċċess – Kalkolu tat-terminu li fih għandha tiġi ppreżentata tali talba – Rinviju tal-kawża lil qorti tal-Istat Membru tar-residenza abitwali l-ġdida tal-minuri, f’pożizzjoni aħjar li tieħu konjizzjoni tal-kawża) . . . . . . . . . . 20

| | | |
|---|---|---|
| 2023/C 205/24 | Kawża C-637/22 P: Appell ippreżentat fit-12 ta' Ottubru 2022 minn Luís Miguel Novais mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġenerali (Is-Sitt Awla) fit-2 ta' Awwissu 2022 fil-Kawża T-376/22, Novais vs Il-Portugall | 21 |
| 2023/C 205/25 | Kawża C-69/23: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Curtea de Apel Bucureşti (ir-Rumanija) fis-7 ta' Frar 2023 – Streaming Services Srl, fi stralċ, irrappreżentata mill-istralċarju ġudizzjarju Cabinet Individual de Insolvență "Mihai Florea" vs Agenția Națională de Administrare Fiscală – Direcția Generală de Soluționare a Contestațiilor, Administrația Județeană a Finanțelor Publice Călăraşi | 21 |
| 2023/C 205/26 | Kawża C-74/23: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Curtea de Apel Ploieşti (ir-Rumanija) fl-10 ta' Frar 2023 – Proċeduri kriminali kontra C.A.A., C.F.G., C.G.C., C.D.R., G.L.C., G.S., L.C.I., M.G., M.C.G., N.A.S., P.C., U.V., S.O., Ş.V.O., C.V., I.R.P., B.I.I. | 22 |
| 2023/C 205/27 | Kawża C-75/23, Parchetul de pe lângă Tribunalul Braşov: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Curtea de Apel Braşov (ir-Rumanija) fl-10 ta' Frar 2023 – Proċeduri kriminali kontra M.A.sr, S.A.C.S., S.A.S. | 24 |
| 2023/C 205/28 | Kawża C-83/23, H GmbH: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesfinanzhof (il-Ġermanja) fil-15 ta' Frar 2023 – H GmbH vs Finanzamt M | 25 |
| 2023/C 205/29 | Kawża C-118/23, Getin Holding et: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Wojewódzki Sąd Administracyjny w Warszawie (il-Polonja) fil-21 ta' Frar 2023 – Rada Nadzorcza getin Noble Bank *et* vs Bankowt Fundusz Gwarancyny | 26 |
| 2023/C 205/30 | Kawża C-131/23, Unitatea Administrativ Teritorială Județul Braşov: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Curtea de Apel Braşov (ir-Rumanija) fit-3 ta' Marzu 2023 – Proċeduri kriminali kontra C.A.A. u C.V. | 27 |
| 2023/C 205/31 | Kawża C-133/23, Omya CZ: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa min-Nejvyšší správní soud (ir-Repubblika Ċeka) fis-6 ta' Marzu 2023 – Omya CZ s.r.o. vs Generální ředitelství cel | 28 |
| 2023/C 205/32 | Kawża C-146/23, Sąd Rejonowy w Białymstoku: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Sąd Rejonowy w Białymstoku (il-Polonja) fl-10 ta' Marzu 2023 – XL vs Sąd Rejonowy w Białymstoku | 28 |
| 2023/C 205/33 | Kawża C-169/23, Másdi: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Kúria (l-Ungerija) fis-17 ta' Marzu 2023 – Nemzeti Adatvédelmi és Információszabadság Hatóság vs UC | 29 |
| 2023/C 205/34 | Kawża C-198/23: Rikors ippreżentat fit-28 ta' Marzu 2023 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika tal-Bulgarija | 30 |
| 2023/C 205/35 | Kawża C-206/23: Rikors ippreżentat fid-29 ta' Marzu 2023 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika tal-Bulgarija | 31 |
| 2023/C 205/36 | Kawża C-212/23: Rikors ippreżentat fil-31 ta' Marzu 2023 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika tal-Polonja | 32 |
| 2023/C 205/37 | Kawża C-237/23: Rikors ippreżentat fl-14 ta' April 2023 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika tal-Bulgarija | 33 |
| 2023/C 205/38 | Kawża C-238/23: Rikors ippreżentat fl-14 ta' April 2023 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika tal-Latvja | 34 |


**Il-Qorti Ġenerali**


| | | |
|---|---|---|
| 2023/C 205/39 | Kawża T-94/20: Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta' Marzu 2023 – Campine u Campine Recycling vs Il-Kummissjoni ("Responsabbiltà mhux kuntrattwali – Kompetizzjoni – Akkordji – Suq tar-riċiklaġġ ta' batteriji tal-karozzi – Deċiżjoni li tikkonstata ksur għall-Artikolu 101 TFUE – Sentenza li tannulla parzjalment id-deċiżjoni u li tnaqqas l-ammont tal-multa imposta – Rifjut tal-Kummissjoni li tħallas l-interessi moratorji – Artikolu 266 TFUE – Artikolu 90(4) tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 1268/2012 – Ksur suffiċjentement ikkaratterizzat minn regola ta' dritt li tagħti drittijiet lill-individwi – Rata ta' interessi moratorji") | 35 |

| | | |
|---|---|---|
| 2023/C 205/40 | Kawża T-178/23: Rikors ippreżentat fl-4 ta' April 2023 – Ben Ali vs Il-Kunsill | 36 |
| 2023/C 205/41 | Kawża T-196/23: Rikors ippreżentat fl-14 ta' April 2023 – Mindspa vs EUIPO – Mind Solutions (MINDSPA) | 36 |
| 2023/C 205/42 | Kawża T-197/23: Rikors ippreżentat fl-14 ta' April 2023 – Mindspa vs EUIPO – Mind Solutions (SYNCTUITION MINDSPA) | 37 |
| 2023/C 205/43 | Kawża T-198/23: Rikors ippreżentat fis-17 ta' April 2023 – USF vs EPSU-CJ vs Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea | 38 |
| 2023/C 205/44 | Kawża T-202/23: Rikors ippreżentat fit-18 ta' April 2023 – Kivikoski *et* vs Il-Kunsill | 39 |

IV

*(Informazzjoni)*

## INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA TAL-UNJONI EWROPEA

**L-aħħar pubblikazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea***

(2023/C 205/01)

**L-aħħar pubblikazzjoni**

ĠU C 189, 30.5.2023

**Pubblikazzjonijiet preċedenti**

ĠU C 173, 15.5.2023

ĠU C 164, 8.5.2023

ĠU C 155, 2.5.2023

ĠU C 134, 17.4.2023

ĠU C 127, 11.4.2023

ĠU C 121, 3.4.2023

Dawn it-testi huma disponibbli fuq:

EUR-Lex: http://eur-lex.europa.eu

V

*(Avviżi)*

PROĊEDURI TAL-QORTI

# IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tal-20 ta' April 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Juzgado de lo Mercantil nº 2 de Madrid – Spanja) – ZA, AZ, BX, CV, DU, ET vs Repsol Comercial de Productos Petroliferos SA**

**(Kawża C-25/21 [1], Repsol Comercial de Productos Petrolíferos)**

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kompetizzjoni – Restrizzjonijiet vertikali tal-kompetizzjoni – Artikolu 101(1) u (2) TFUE – Prinċipju ta' effettività – Regolament (KE) Nru 1/2003 – Artikolu 2 – Direttiva 2014/104/UE – Artikolu 9(1) – Effett vinkolanti tad-deċiżjonijiet definittivi tal-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni li jikkonstataw ksur tar-regoli tad-dritt tal-kompetizzjoni – Applikazzjoni ratione temporis u ratione materiae – Azzjonijiet għal kumpens u għal nullità għal ksur tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni)***

(2023/C 205/02)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Qorti tar-rinviju**

Juzgado de lo Mercantil nº 2 de Madrid

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* ZA, AZ, BX, CV, DU, ET

*Konvenut:* Repsol Comercial de Productos Petroliferos SA

**Dispożittiv**

1) L-Artikolu 101 TFUE, kif implimentat mill-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli [101 u 102 TFUE], u moqri flimkien mal-prinċipju ta' effettività, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni kkonstatat f'deċiżjoni ta' awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni, li kien is-suġġett ta' rikors għal annullament quddiem il-qrati nazzjonali kompetenti iżda li sar definittiv wara li ġie kkonfermat minn dawn il-qrati, għandu jitqies li ġie stabbilit, kemm fil-kuntest ta' azzjoni għal nullità taħt l-Artikolu 101(2) TFUE kif ukoll fil-kuntest ta' rikors għad-danni minħabba ksur tal-Artikolu 101 TFUE, mir-rikorrent, sakemm ma tingħatax prova kuntrarja, b'tali mod li l-oneru tal-prova ddefinit minn dan l-Artikolu 2 jiġi ttrasferit fuq il-konvenut, sa fejn in-natura tal-allegat ksur li huwa s-suġġett ta' dawn ir-rikorsi kif ukoll il-portata *ratione materiae, personae, temporis* u *loci* jikkoinċidu ma' dawk tal-ksur li ġie kkonstatat fl-imsemmija deċiżjoni.

2) L-Artikolu 101 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li, sa fejn rikorrent jasal jistabbilixxi l-eżistenza ta' ksur ta' dan l-artikolu li huwa s-suġġett tal-azzjoni tiegħu għal nullità ppreżentata taħt l-Artikolu 101(2) TFUE kif ukoll tar-rikors tiegħu għad-danni għal dan il-ksur, il-qorti nazzjonali għandha tislet minn dan il-konsegwenzi kollha u minnhom għandha tiddeduċi, b'mod partikolari, bis-saħħa tal-Artikolu 101(2) TFUE, in-nullità *ipso jure* tal-istipulazzjonijiet kuntrattwali kollha inkompatibbli mal-Artikolu 101(1) TFUE, fejn il-ftehim kollu kkonċernat jiġi ddikjarat null biss jekk dawn l-elementi ma jidhrux li jistgħu jiġu sseparati mill-ftehim innifsu.

[1] ĠU C 189, 17.5.2021

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tal-20 ta' April 2023 – Il-Parlament Ewropew vs Il-Kummissjoni Ewropea**

**(Kawża C-144/21)** [1]

***(Rikors għal annullament – Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C (2020) 8797 – Awtorizzazzjoni ta' ċerti użi tat-triossidu tal-kromu – Regolament (KE) Nru 1907/2006 – Ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi – Artikolu 60 – Għoti ta' awtorizzazzjonijiet – Obbligu li jintwera li l-benefiċċji soċjoekonomiċi huma ikbar mir-riskji mill-użu tas-sustanza għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent u li ma jeżistux sustanzi jew teknoloġiji alternattivi xierqa – Artikolu 62 – Applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni – Artikolu 64 – Proċedura għal adozzjoni ta' deċiżjonijiet ta' awtorizzazzjoni)***

(2023/C 205/03)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

## Partijiet

*Rikorrent:* Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: C. Ionescu Dima, M. Menegatti u L. Visaggio, aġenti)

*Konvenut:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: R. Lindenthal u K. Mifsud-Bonnici, aġenti)

*Intervenjent insostenn tal-konvenut:* L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) (rappreżentanti: W. Broere, M. Heikkilä u T. Zbihlej, aġenti)

## Dispożittiv

1. L-Artikolu 1(1) u (5), kif ukoll l-Artikoli 2 sa 5, 7, 9 u 10 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C (2020) 8797 tat-18 ta' Diċembru 2020 li tagħti parzjalment awtorizzazzjoni għal ċerti użi tat-triossidu tal-kromu skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Chemservice GmbH et), sa fejn dawn l-artikoli jikkonċernaw l-awtorizzazzjonijiet relatati mal-użi 2, 4 u 5 kif ukoll mal-użu 1 fir-rigward tal-formulazzjoni ta' taħlitiet għall-użi 2, 4 u 5, huma annullati.

2. L-effetti tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2020) 8797 huma miżmuma għal perijodu li ma jistax jeċċedi sena li jiddekorri mid-data tal-għoti tas-sentenza preżenti.

3. Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata għall-ispejjeż.

[1] ĠU C 163, 3.5.2021.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tal-20 ta' April 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunal de première instance de Liège – il-Belġju) – Proċedura mressqa minn Starkinvest SRL**

**(Kawża C-291/2** [1]**, Starkinvest)**

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili – Regolament (UE) Nru 655/2014 – Proċedura ta' ordni Ewropea għas-sekwestru kawtelatorju ta' kontijiet bankarji – Kundizzjonijiet għall-ħruġ ta' tali ordni – Artikolu 4 – Kunċett ta "deċiżjoni" – Artikolu 7 – Kunċett ta' sentenza "li titlob li d-debitur iħallas il-pretensjoni tal-kreditur" – Deċiżjoni ġudizzjarja li tikkundanna debitur għall-ħlas ta' pagamenti ta' penalità fil-każ ta' ksur ta' ordni ta' waqfien – Regolament (UE) Nru 1215/2012 – Artikolu 55 – Kamp ta' applikazzjoni)***

(2023/C 205/04)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

## Qorti tar-rinviju

Tribunal de première instance de Liège

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Starkinvest SRL

**Dispożittiv**

L-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) Nru 655/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014, li jistabbilixxi proċedura ta' Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet sabiex jiġi ffaċilitat l-irkupru transkonfinali tad-dejn f'materji ċivili u kummerċjali,

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

deċiżjoni ġudizzjarja li tikkundanna debitur għall-ħlas ta' pagamenti ta' penalità f'każ ta' ksur futur ta' ordni ta' waqfien u li għalhekk ma tiffissax b'mod definittiv l-ammont ta' dawn il-pagamenti ta' penalità, ma tikkostitwixxix sentenza li titlob li l-imsemmi debitur iħallas il-pretensjoni tal-kreditur, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, b'tali mod li l-kreditur li jitlob li tinħareġ ordni Ewropea għas-sekwestru kawtelatorju fuq kontijiet bankarji ma huwiex eżentat mill-obbligu li jipproduċi biżżejjed provi sabiex jikkonvinċi lill-qorti adita bit-talba għall-ħruġ ta' tali ordni li t-talba tiegħu fil-mertu kontra d-debitur probabbilment ser tintlaqa'.

(1) ĠU C 278, 12.7.2021.

---

### Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tal-20 ta' April 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Fővárosi Törvényszék – l-Ungerija) – DIGI Communications NV vs Nemzeti Média- és Hírközlési Hatóság Hivatala

**(Kawża C-329/21 (1) , DIGI Communications)**

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Telekomunikazzjonijiet – Networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi – Direttiva 2002/21/KE (Direttiva "Qafas") – Artikolu 4(1) – Direttiva 2002/20/KE (Direttiva ta' "Awtorizzazzjoni") – Artikolu 7 – Għoti tad-drittijiet ta' użu ta' frekwenzi – Proċedura ta' rkant – Kumpannija holding mhux irreġistrata bħala fornitriċi ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi fl-Istat Membru kkonċernat – Esklużjoni mill-proċedura tal-għoti – Dritt għal azzjoni legali kontra d-deċiżjoni tal-għoti)***

(2023/C 205/05)

*Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż*

**Qorti tar-rinviju**

Fővárosi Törvényszék

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* DIGI Communications NV

*Konvenut:* Nemzeti Média- és Hírközlési Hatóság Hivatala

*Fil-preżenza ta':* Magyar Telekom Nyrt.

**Dispożittiv**

1) L-Artikolu 7 tad-Direttiva 2002/20/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar l-awtorizzazzjoni ta' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, kif emendata bid-Direttiva 2009/140/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-25 ta' Novembru 2009

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

— proċedura ta' selezzjoni għall-finijiet tal-għoti ta' drittijiet tal-użu ta' frekwenzi u d-deċiżjoni tal-għoti li għaliha twassal din il-proċedura huma intiżi sabiex jippromwovu u jiżviluppaw kompetizzjoni effettiva u mhux distorta, fl-osservanza tal-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' proporzjonalità.

— Il-fatt li tali proċedura tinkludi stadju ta' eżami tal-konformità tal-eventwali applikazzjonijiet mal-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt relatati ma jmurx kontra dan l-għan, sakemm l-imsemmija proċedura tkun, kollha kemm hi, tikkonforma mar-rekwiżiti u mal-kundizzjonijiet previsti f'dan l-Artikolu 7.

2) L-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar kwadru regolatorju komuni għan-networks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi (Direttiva Qafas), kif emendata bid-Direttiva 2009/140, moqri flimkien mal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

għandu jiġi interpretat fis-sens li jagħti dritt għal azzjoni legali lil impriża:

— li pparteċipat, bil-kandidatura tagħha, fi proċedura ta' rkant fis-settur tal-komunikazzjonijiet elettroniċi mwettqa mill-awtorità regolatorja nazzjonali ta' Stat Membru differenti minn dak li fih din l-impriża hija stabbilita u tmexxi l-operazzjonijiet tagħha;

— li ma tipprovdix hija stess servizz ta' komunikazzjonijiet elettroniċi fis-suq tal-Istat Membru kkonċernat minn din il-proċedura iżda li tissodisfa l-kundizzjonijiet oġġettivi li għalihom hija suġġetta, f'dan l-Istat Membru, l-awtorizzazzjoni ġenerali msemmija fl-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2002/20, kif emendata bid-Direttiva 2009/140, u dan indipendentement mill-fatt li hija tikkontrolla, skont il-każ, impriża oħra li hija preżenti f'dan is-suq, u

— li kienet is-suġġett ta' deċiżjoni tal-awtorità regolatorja nazzjonali li tirrifjuta li tirreġistra l-kandidatura tagħha fl-imsemmija proċedura minħabba li ma tissodisfax il-kundizzjonijiet meħtieġa, liema deċiżjoni sussegwentement saret definittiva wara deċiżjoni ġudizzjarja li tiċħad rikors ippreżentat kontra din id-deċiżjoni,

sabiex tikkontesta d-deċiżjoni sussegwenti li permezz tagħha l-awtorità regolatorja nazzjonali inkwistjoni tat il-kuntratt ikkonċernat mill-proċedura ta' rkant lil terzi, sakemm ir-rikors ippreżentat minn din l-impriża ma jippreġudikax l-awtorità ta' res judicata marbuta ma' din id-deċiżjoni ġudizzjarja.

---

(1) ĠU C 357, 6.9.2021.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tal-20 ta' April 2023 – Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea vs Aisha Muammer Mohamed El-Qaddafi**

**(Kawża C-413/21 P)** (1)

***(Appell – Politika estera u ta' sigurtà komuni – Miżuri restrittivi meħuda minħabba s-sitwazzjoni fil-Libja – Lista tal-persuni u tal-entitajiet li għalihom japplika l-iffriżar tal-fondi u tar-riżorsi ekonomiċi – Lista tal-persuni suġġetti għal restrizzjonijiet ta' dħul u ta' tranżitu fit-territorju tal-Unjoni Ewropea – Żamma ta' isem Aisha Muammer Mohamed El-Qaddafi fil-listi – Bażi fattwali suffiċjentement solida – Obbligu ta' motivazzjoni)***

(2023/C 205/06)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Appellant:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Bishop u V Piessevaux, aġenti)

*Parti oħra fil-proċedura:* Aisha Muammer Mohamed El-Qaddafi (rappreżentant: S. Bafadhel, barrister)

*Intervenjent insostenn tal-appellant:* Ir-Repubblika Franċiża (rappreżentanti: J.-L. Carré, A.-L. Desjonquères u W. Zemamta, aġenti)

**Dispożittiv**

1) L-appell huwa miċħud.

2) Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandu jbati l-ispejjeż rispettivi tiegħu, kif ukoll dawk sostnuti minn Aisha Muammer Mohamed El-Qaddafi.

3) Ir-Repubblika Franċiża għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha.

---

([1]) ĠU C 382, 20.09.2021

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (il-Ħames Awla) tal-20 ta' April 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari ta' Bundesgerichtshof – il-Ġermanja) – EEW Energy from Waste Großräschen GmbH vs MNG Mitteldeutsche Netzgesellschaft Strom GmbH**

**(Kawża C-580/21** ([1])**, EEW Energy from Waste)**

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Ambjent – Direttiva 2009/28/KE – Promozzjoni tal-użu tal-enerġija prodotta minn sorsi rinnovabbli – Artikolu 16(2)(c) – Aċċess għall-grilja ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni – Aċċess prijoritarju mogħti lill-elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli – Produzzjoni minn sorsi ta' enerġija kemm rinnovabbli kif ukoll konvenzjonali)***

(2023/C 205/07)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Bundesgerichtshof

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* EEW Energy from Waste Großräschen GmbH

*Konvenuta:* MNG Mitteldeutsche Netzgesellschaft Strom GmbH

*fil-preżenza ta':* 50 Hertz Transmission GmbH

**Dispożittiv**

1) L-Artikolu 16(2)(c) tad-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi 2001/77/KE u 2003/30/KE

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

il-prijorità ta' aċċess għall-grilja tal-elettriku li minnha jibbenefikaw l-impjanti ta' produzzjoni tal-elettriku li jużaw sorsi ta' enerġija rinnovabbli għandha tingħata mhux biss lill-impjanti li jiġġeneraw l-elettriku esklużivament minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli, iżda wkoll lil dawk li jipproduċu kemm minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli kif ukoll konvenzjonali.

2) L-Artikolu 16(2)(c) tad-Direttiva 2009/28

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

impjant li jipproduċi l-elettriku minn sorsi ta’ enerġija kemm rinnovabbli kif ukoll konvenzjonali jibbenefika minn prijorità ta’ aċċess għall-grilja unikament għall-parti ta’ elettriku prodott minn sorsi ta’ enerġija rinnovabbli. Huma l-Istati Membri li għandhom jistabbilixxu l-modalitajiet ta’ applikazzjoni ta’ din il-prijorità ta’ aċċess, billi jistabbilixxu kriterji trasparenti u nondiskriminatorji li, filwaqt li jittieħdu inkunsiderazzjoni r-rekwiżiti relatati maż-żamma tal-affidabbiltà u tas-sigurtà tas-sistema, jippermettu li tiġi stabbilita ordni ta’ prijorità skont l-importanza tas-sehem tas-sorsi ta’ enerġija rinnovabbli użati minn kull impjanti ta’ produzzjoni tal-elettriku.

(1) ĠU C 502, 13.12.2021.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa’ Awla) tal-20 ta’ April 2023 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika tal-Polonja**

**(Kawża C-602/21)** [1]

***(Nuqqas ta’ Stat li jwettaq obbligu – Direttiva 2002/49/KE – Studju u amministrazzjoni tal-ħsejjes ambjentali – Prevenzjoni tal-istorbju – Toroq maġġuri u ferroviji maġġuri – Artikolu 8(1) u (2) – Pjanijiet ta’ azzjoni mhux konformi jew ineżistenti – Artikolu 10(2) – Anness VI – Sommarji ta’ pjanijiet ta’ azzjoni ineżistenti)***

(2023/C 205/08)

*Lingwa tal-kawża: il-Pollakk*

### Partijiet

*Rikorrent:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: D. Milanowska, M. Noll-Ehlers u M. Rynkowski, aġenti)

*Konvenut:* Ir-Repubblika tal-Polonja (rappreżentant: B. Majczyna, aġent)

### Dispożittiv

1) Ir-Repubblika tal-Polonja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha bis-saħħa tal-Artikolu 8(1) u (2) u tad-disa’ inċiż tal-punt 1 tal-Anness V, kif ukoll tal-Artikolu 10(2) tad-Direttiva 2002/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsll tal-25 ta’ Ġunju 2002 li tirrigwardja l-istudju u l-amministrazzjoni tal-ħsejjes ambjentali, moqrija flimkien mal-Anness VI ta’ din id-direttiva:

— billi ma adottatx, fit-termini stabbiliti minn din id-direttiva, pjanijiet ta’ azzjoni għaż-żoni li fihom il-valuri limitu ma nqabżux;

— billi ma pprevedietx li l-pjanijiet ta’ azzjoni jinkludu l-azzjonijiet ippjanati għall-5 snin segwenti bil-għan li jiġu ppreżervati ż-żoni kwieti;

— billi ma stabbilixxietx pjanijiet ta’ azzjoni fir-rigward tat-13-il ferrovija maġġuri u l-247 toroq maġġuri msemmija fl-Anness A ta’ din is-sentenza, u

— billi ma ssottomettietx sommarji ta’ pjanijiet ta’ azzjoni dwar dawn l-istess ferroviji maġġuri u toroq maġġuri kif ukoll is-16-il triq maġġuri msemmija fl-Anness B ta’ din is-sentenza.

2) Ir-Repubblika tal-Polonja hija kkundannata għall-ispejjeż.

(1) ĠU C 490, 6.12.2021

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tal-20 ta' April 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Verwaltungsgerichtshof – L-Awstrija) – FW, CE**

**(Kawża C-650/21 [1], Landespolizeidirektion Niederösterreich u Finanzamt Österreich)**

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Politika soċjali – Ugwaljanza fit-trattament fil-qasam tal-impjieg u tax-xogħol – Direttiva 2000/78/KE – Projbizzjoni ta' diskriminazzjoni bbażata fuq l-età – Remunerazzjoni tal-uffiċjali – Leġiżlazzjoni nazzjonali preċedenti meqjusa diskriminatorja – Klassifikazzjoni f'sistema ġdida ta' remunerazzjoni b'referenza għall-anzjanità stabbilita skont sistema ta' remunerazzjoni preċedenti – Korrezzjoni ta' din l-anzjanità permezz tal-iffissar ta' data ta' referenza komparattiva – Natura diskriminatorja tal-klassifikazzjoni l-ġdida – Regola intiża li tisfavorixxi lill-uffiċjali ta' età ikbar)***

(2023/C 205/09)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Verwaltungsgerichtshof

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* FW, CE

*fil-preżenza ta':* Landespolizeidirektion Niederösterreich, Finanzamt Österreich

**Dispożittiv**

1) L-Artikoli 1, 2 u 6 tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol, moqrija flimkien mal-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

għandhom jiġu interpretati fis-sens li:

jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi li l-klassifikazzjoni ta' uffiċjal hija stabbilita abbażi tal-anzjanità tiegħu fl-iskala ta' remunerazzjoni ta' sistema antika ta' remunerazzjoni meqjusa diskriminatorja sa fejn din is-sistema kienet tippermetti biss it-teħid inkunsiderazzjoni, għall-finijiet ta' din l-anzjanità, ta' perijodi eliġibbli li jippreċedu r-reklutaġġ tal-uffiċjal imwettqa b'effett mill-età ta' 18-il sena bl-esklużjoni ta' dawk imwettqa qabel din l-età, fejn din il-leġiżlazzjoni tipprovdi li korrezzjoni tal-perijodi eliġibbli tal-uffiċjal li jippreċedu r-reklutaġġ tiegħu, kif ikkalkolati inizjalment, issir billi tiġi ddeterminata data ta' referenza komparattiva, li għall-finijiet tagħha, sabiex tiġi kkalkolata din l-anzjanità, jittieħdu inkunsiderazzjoni l-perijodi eliġibbli li jippreċedu r-reklutaġġ imwettqa qabel ma dan l-uffiċjal għalaq it-18-il sena meta, minn naħa, fir-rigward tal-perijodi wara t-tmintax-il sena, huma biss il-"perijodi l-oħra" li għandhom jiġu kkunsidrati bin-nofs, li jittieħdu inkunsiderazzjoni u, min-naħa l-oħra, l-imsemmija "perijodi oħra" jiżdiedu minn tlieta sa seba' snin iżda jittieħdu inkunsiderazzjoni biss sa fejn jeċċedu erba' snin.

2) Il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, kif stabbilit fl-Artikolu 20 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, kif ukoll il-prinċipju ta' ċertezza legali

għandhom jiġu interpretati fis-sens li:

jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi li, fil-konfront ta' uffiċjali li fir-rigward tagħhom kienet pendenti proċedura intiża li tiddefinixxi mill-ġdid il-pożizzjoni tagħhom fl-iskala ta' remunerazzjoni fid-data ta' pubblikazzjoni ta' emenda leġiżlattiva tas-sistema ta' remunerazzjoni li tinkludi din l-iskala, ir-remunerazzjonijiet għandhom jiġu kkalkolati mill-ġdid skont id-dispożizzjonijiet il-ġodda dwar id-data ta' referenza komparattiva, liema dispożizzjonijiet jinkludu limitazzjonijiet ġodda fir-rigward tal-portata massima tal-perijodi eliġibbli, b'mod li tali diskriminazzjoni bbażata fuq l-età kuntrarja għall-Artikoli 1, 2 u 6 tad-Direttiva 2000/78, moqrija flimkien mal-Artikolu 21 tal-Karta, ma hijiex eliminata, filwaqt li tali kalkolu ma jsirx fil-konfront ta' uffiċjali li fir-rigward tagħhom proċedura li għandha għan identiku, mibdija preċedentement, tkun diġà ngħalqet permezz ta' deċiżjoni definittiva, ibbażata fuq data ta' referenza stabbilita b'mod iktar favorevoli skont is-sistema antika li d-dispożizzjonijiet tagħha, li ġew ikkonstatati bħala diskriminatorji mill-qorti nazzjonali, ma ġewx applikati b'applikazzjoni diretta tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament previst mid-dritt tal-Unjoni.

3) L-Artikoli 1, 2 u 6 tad-Direttiva 2000/78, moqrija flimkien mal-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali,

għandhom jiġu interpretati fis-sens li:

ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi li l-perijodi ta' apprendistat imwettqa ma' awtorità reġjonali nazzjonali għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni fl-intier tagħhom, fil-kuntest tad-determinazzjoni tad-data ta' referenza komparattiva, biss meta l-uffiċjal ikkonċernat ikun ġie rreklutat mill-Istat wara ċerta data, filwaqt li l-perijodi ta' apprendistat jittieħdu inkunsiderazzjoni bin-nofs, billi jkunu suġġetti għal tnaqqis b'rata fissa, meta l-uffiċjal ikkonċernat ikun ġie rreklutat mill-Istat qabel din id-data.

(1) ĠU C 73, 14.02.2022.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tal-20 ta' April 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Lietuvos vyriausiasis administracinis teismas – il-Litwanja) – "Brink's Lithuania" UAB vs Lietuvos bankas**

**(Kawża C-772/21, Brink's Lithuania)** (1)

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Protezzjoni mill-iffalsifikar tal-euro – Regolament (KE) Nru 1338/2001 – Artikolu 6(1) – Fornituri ta' servizzi ta' ħlas li l-attività tagħhom hija l-immaniġġar u d-distribuzzjoni ta' karti tal-flus lill-pubbliku – Deċiżjoni BĊE/2010/14 – Artikolu 6(2) – Identifikazzjoni ta' karti tal-flus tal-euro li ma humiex adattati għaċ-ċirkulazzjoni – Verifika awtomatizzata tal-kundizzjoni tal-karti tal-flus – Standards minimi ppubblikati fuq is-sit internet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u emendati perjodikament – Kamp ta' applikazzjoni ratione personae – Portata tal-obbligi tal-cash handlers – Saħħa vinkolanti – Prinċipju ta' ċertezza legali)***

(2023/C 205/10)

*Lingwa tal-kawża: il-Litwan*

**Qorti tar-rinviju**

Lietuvos vyriausiasis administracinis teismas

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* "Brink's Lithuania" UAB

*Konvenut:* Lietuvos bankas

**Dispożittiv**

1) L-Artikolu 6(2) tad-Deċiżjoni BĊE/2010/14 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-16 ta' Settembru 2010 dwar il-verifika tal-awtentiċità u l-kundizzjoni u r-riċirkulazzjoni tal-karti tal-flus tal-euro, kif emendata bid-Deċiżjoni BĊE/2012/19 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-7 ta' Settembru 2012,

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

l-istandards minimi msemmija f'din id-dispożizzjoni ma japplikawx għall-cash handlers meta jwettqu verifika awtomatizzata tal-kundizzjoni tal-karti tal-flus tal-euro.

Madankollu, l-Artikolu 3(1) u l-Artikolu 10(1) tad-Deċiżjoni BĊE/2010/14, kif emendata, moqrija flimkien mal-Artikolu 6(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1338/2001 tat-28 ta' Ġunju 2001 li jistabilixxi miżuri neċessarji għall-protezzjoni mill-iffalsifikar ta' l-euro, kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2009 tat-18 ta' Diċembru 2008,

għandhom jiġu interpretati fis-sens li

l-imsemmija cash handlers għandhom jadottaw il-miżuri neċessarji sabiex jirrimedjaw sitwazzjoni fejn spezzjoni minn bank ċentrali nazzjonali ta' Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro tkun żvelat li l-magni tagħhom li jimmaniġġjaw il-karti tal-flus ma humiex kapaċi jidentifikaw in-natura mhux adatta għaċ-ċirkulazzjoni ta' karti tal-flus tal-euro taħt il-livell ta' tolleranza ta' 5 %.

2) L-Artikolu 6(2) tad-Deċiżjoni BĊE/2010/14, kif emendata bid-Deċiżjoni BĊE/2012/19, moqri flimkien mal-Artikolu 3(5) ta' din id-Deċiżjoni BĊE/2010/14, kif emendata,

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

jipprekludi li Stat Membru jobbliga lill-cash handlers, meta jwettqu verifika awtomatizzata tal-kundizzjoni tal-karti tal-flus tal-euro, li josservaw l-istandards minimi tal-Bank Ċentrali Ewropew imsemmija f'dan l-Artikolu 6(2).

(1) ĠU C 95, 28.2.2022.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tal-20 ta' April 2023 (talbiet għal deċiżjoni preliminari tal-Curtea de Apel Bucureşti – ir-Rumanija) – Blue Air Aviation SA vs UCMR – ADA Asociația pentru Drepturi de Autor a Compozitorilor (C-775/21) u Uniunea Producătorilor de Fonograme din România (UPFR) vs Societatea Națională de Transport Feroviar de Călători (SNTFC) "CFR Călători" SA (C-826/21)**

**(Kawżi Magħquda C-775/21 u C-826/21 [1], Blue Air Aviation et)**

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Proprjetà intellettwali – Drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati – Direttiva 2001/29/KE – Artikolu 3(1) – Komunikazzjoni lill-pubbliku – Kunċett – Xandir ta' mużika tal-ambjent – Direttiva 2006/115/KE – Artikolu 8(2) – Remunerazzjoni ekwa – Sempliċi provvista ta' installazzjonijiet – Impjanti ta' awdjo abbord ta' ferroviji u inġenji tal-ajru – Preżunzjoni ta' komunikazzjoni lill-pubbliku)***

(2023/C 205/11)

*Lingwa tal-kawża: ir-Rumen*

**Qorti tar-rinviju**

Curtea de Apel Bucureşti

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Blue Air Aviation SA (C-775/21), Uniunea Producătorilor de Fonograme din România (UPFR) (C-826/21)

*Konvenuti:* UCMR – ADA Asociația pentru Drepturi de Autor a Compozitorilor (C-775/21), Societatea Națională de Transport Feroviar de Călători (SNTFC) "CFR Călători" SA (C-826/21)

**Dispożittiv**

1) L-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Mejju 2001, dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni, għandu jiġi interpretat fis-sens li jikkostitwixxi komunikazzjoni lill-pubbliku, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, ix-xandir f'mezz ta' trasport ta' passiġġieri ta' xogħol mużikali għal finijiet ta' mużika għall-atmosfera.

2) L-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29 u l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2006/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar dritt ta' kiri u dritt ta' self u dwar ċerti drittijiet relatati mad-drittijiet tal-awtur fil-qasam tal-proprjetà intellettwali, għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-installazzjoni, fuq mezz ta' trasport, ta' tagħmir ta' awdjo, u, jekk ikun il-każ, ta' softwer li jippermetti t-tixrid ta' mużika ambjentali, ma tikkostitwixxix komunikazzjoni lill-pubbliku.

3) L-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2006/115 għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali, kif interpretata mill-qrati nazzjonali, li tistabbilixxi preżunzjoni sempliċi ta’ komunikazzjoni ta’ xogħlijiet mużikali lill-pubbliku bbażata fuq il-preżenza ta’ sistemi ta’ awdjo f’mezzi ta’ trasport.

(1) ĠU C 191, 10.05.2022

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba’ Awla) tal-20 ta’ April 2023 – Amazon.com, Inc., Amazon Services Europe Sàrl, Amazon EU Sàrl, Amazon Europe Core Sàrl vs Il-Kummissjoni Ewropea**

**(Kawża C-815/21 P)** (1)

***(Appell – Kompetizzjoni – Artikolu 102 TFUE – Abbuż minn pożizzjoni dominanti – Bejgħ online – Regolament (KE) Nru 773/2004 – Artikolu 2(1) – Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea li tiftaħ investigazzjoni – Kamp ta’ applikazzjoni territorjali tal-investigazzjoni – Esklużjoni tal-Italja – Tqassim tal-kompetenzi bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni tal-Istati Membri – Regolament (KE) Nru 1/2003 – Artikolu 11(6) – Ċaħda tal-kompetenza tal-awtoritajiet tal-kompetizzjoni tal-Istati Membri – Protezzjoni kontra l-proċeduri mmexxija b’mod parallel mill-awtoritajiet tal-kompetizzjoni tal-Istati Membri u mill-Kummissjoni – Rikors għal annullament – Att li ma jistax jiġi kkontestat – Att li ma jipproduċix effett legali fir-rigward ta’ terzi – Att preparatorju – Inammissibbiltà)***

(2023/C 205/12)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Appellanti:* Amazon.com, Inc., Amazon Services Europe Sàrl, Amazon EU Sàrl, Amazon Europe Core Sàrl (rappreżentanti: A. Komninos, dikigoros u G. Tantulli, abogado)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: B. Ernst, T. Franchoo, G. Meessen u C. Sjödin, aġenti)

*Intervenjent insostenn tal-appellanti:* Autorità Garante della Concorrenza e del Mercato (rappreżentant: P. Gentili, avvocato dello Stato)

**Dispożittiv**

1) L-appell huwa miċħud.

2) Amazon.com Inc., Amazon Services Europe Sàrl, Amazon EU Sàrl u Amazon Europe Core Sàrl għandhom ibatu, minbarra l-ispejjeż rispettivi tagħhom, l-ispejjeż sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.

3) L-Autorità Garante della Concorrenza e del Mercato (l-Awtorità li Tiżgura l-Osservanza tal-Kompetizzjoni u tar-Regoli tas-Suq, l-Italja) għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha relatati mal-proċedura tal-appell.

(1) ĠU C 84, 21.2.2022.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) tas-27 ta' April 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Înalta Curte de Casație şi Justiție – ir-Rumanija) – Banca A vs Agenția Națională de Administrare Fiscală (ANAF), Preşedintele ANAF**

**(Kawża C-827/21 [1], Banca A (Applikazzjoni tad-Direttiva dwar l-amalgamazzjoni f'sitwazzjoni interna))**

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Direttiva 009/133/KE – Artikolu 7 – Amalgamazzjoni permezz ta' akkwist – Tranżazzjoni purament interna – Supremazija tad-dritt tal-Unjoni barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni – Assenza – Interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni barra mill-kamp ta' applikazzjoni tiegħu – Ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja f'talba għal deċiżjoni preliminari – Kundizzjoni – Dritt tal-Unjoni li sar applikabbli permezz tad-dritt nazzjonali b'mod dirett u inkundizzjonat)***

(2023/C 205/13)

*Lingwa tal-kawża: ir-Rumen*

**Qorti tar-rinviju**

Înalta Curte de Casație şi Justiție

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Banca A

*Konvenut:* Agenția Națională de Administrare Fiscală (ANAF), Preşedintele ANAF

**Dispożittiv**

1) Id-dritt tal-Unjoni ma jobbligax qorti nazzjonali tinterpreta, konformement mad-Direttiva tal-Kunsill 2009/133/KE tad-19 ta' Ottubru 2009 dwar is-sistema komuni ta' tassazzjoni applikabbli għal mergers, diviżjonijiet, diviżjonijiet parzjali, trasferimenti ta' assi u skambji ta' ishma li jikkonċernaw kumpanniji ta' Stati Membri differenti u għat-trasferiment tal-uffiċċju reġistrat ta' SE jew SCE bejn Stati Membri, dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali applikabbli għal tranżazzjoni ta' amalgamazzjoni, li hija purament interna, ta' żewġ impriżi li kull waħda minnhom għandha s-sede tagħha fl-istess Stat Membru, peress li din it-tranżazzjoni ma taqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva.

2) Il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tirrispondi għad-domandi magħmula dwar l-interpretazzjoni tad-Direttiva 2009/133, peress li, minn naħa, il-fatti tal-kawża prinċipali ma jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva u li, min-naħa l-oħra, id-dritt nazzjonali ma għamilhiex applikabbli għal dawn il-fatti b'mod dirett u inkundizzjonat.

---

(1) ĠU C 165, 19.4.2022.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tal-20 ta' April 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Bundesverwaltungsgericht – l-Awstrija) – BF vs Versicherungsanstalt öffentlich Bediensteter, Eisenbahnen und Bergbau (BVAEB)**

**(Kawża C-52/22 [1], BVAEB (Aġġustament tal-pensjonijiet tal-irtirar))**

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Politika soċjali – Ugwaljanza fit-trattament fil-qasam tal-impjieg u tax-xogħol – Direttiva 2000/78/KE – Projbizzjoni ta' diskriminazzjoni bbażata fuq l-età – Artikolu 2(1) u (2)(a) – Artikolu 6(1) – Pensjoni ta' rtirar – Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi allinjament progressiv tal-iskema ta' pensjoni tal-uffiċjali mal-iskema ta' pensjoni ġenerali – L-ewwel aġġustament tal-ammont tal-pensjoni li jseħħ iktar malajr għal kategorija ta' uffiċjali milli għal kategorija oħra – Ġustifikazzjonijiet)***

(2023/C 205/14)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Bundesverwaltungsgericht

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* BF

*Konvenut:* Versicherungsanstalt öffentlich Bediensteter, Eisenbahnen und Bergbau (BVAEB)

**Dispożittiv**

L-Artikolu 2(1) u (2)(a) u (b), kif ukoll l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol,

għandhom jiġu interpretati fis-sens li:

ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi li, bl-għan ta' allinjament progressiv tal-iskema ta' pensjoni tal-uffiċjali mal-iskema ta' pensjoni ġenerali, l-ewwel aġġustament tal-ammont tal-pensjoni tal-irtirar ta' kategorija ta' uffiċjali jsir mit-tieni sena kalendarja wara li jkun inkiseb id-dritt għall-pensjoni, filwaqt li, għal kategorija oħra ta' uffiċjali, l-imsemmi aġġustament isir sa mill-ewwel sena kalendarja wara li jkun inkiseb l-imsemmi dritt.

(1) ĠU C 158, 11.4.2022.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (is-Seba' Awla) tas-27 ta' April 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Consiglio di Stato – l-Italja) – Viagogo AG vs Autorità per le Garanzie nelle Comunicazioni, Autorità Garante della Concorrenza e del Mercato**

**(Kawża C-70/22, Viagogo)** (1)

***("Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kummerċ elettroniku – Direttiva 2000/31/KE – Artikolu 1 – Kamp ta' applikazzjoni – Artikolu 2(c) – Kunċett ta' "min hu stabbilit li jipprovdi servizz" – Artikolu 3(1) – Provvista ta' servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni pprovduti minn min hu stabbilit li jipprovdi servizz fit-territorju ta' Istat Membru – Kumpannija stabbilita fit-territorju tal-Konfederazzjoni Svizzera – Inapplikabbiltà ratione personae – Artikolu 56 TFUE – Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Konfederazzjoni Svizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-moviment liberu tal-persuni – Projbizzjoni ta' restrizzjonijiet fuq il-provvista ta' servizzi transkonfinali li ma jaqbiżx tul ta' 90 jum għal kull sena kalendarja – Provvista ta' servizzi fl-Italja għal perijodu ta' iktar minn 90 jum – Inapplikabbiltà ratione personae – Artikolu 102 TFUE – Assenza ta' kull element fid-deċiżjoni tar-rinviju li jippermetti li tiġi stabbilita rabta bejn il-kawża prinċipali u abbuż possibbli ta' pożizzjoni dominanti – Inammissibbiltà)***

(2023/C 205/15)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Qorti tar-rinviju**

Consiglio di Stato

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Viagogo AG

*Konvenuti:* Autorità per le Garanzie nelle Comunicazioni, Autorità Garante della Concorrenza e del Mercato

*fil-preżenza ta':* Ticketone SpA

**Dispożittiv**

It-talba għal deċiżjoni preliminari mill-Consiglio di Stato (il-Kunsill tal-Istat, l-Italja), b'deċiżjoni tas-27 ta' Jannar 2022, hija inammissibbli.

(1) ĠU C 165, 19.04.2022.

---

## Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tas-27 ta' April 2023 – HC vs Il-Kummissjoni Ewropea

**(Kawża C-102/22 P)** (1)

***(Appell – Servizz pubbliku – Reklutaġġ – Kompetizzjoni ġenerali EPSO/AD/363/18 – Avviż ta' kompetizzjoni – Evalwazzjoni mill-Bord tal-Għażla tar-risposti tal-kandidat fl-eżami tal-"evalwazzjoni tat-talenti" – Nuqqas ta' ammissjoni għall-fażi sussegwenti tal-kompetizzjoni – Sistema lingwistika – Limitazzjoni tal-għażla tat-tieni lingwa tal-kompetizzjoni għal-lingwi Ingliż u Franċiż – Eċċezzjoni tal-illegalità tal-avviż tal-kompetizzjoni – Inammissibbiltà")***

(2023/C 205/16)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Appellant:* HC (rappreżentanti: D. Rovetta u V. Villante, avvocati)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Brauhoff u T. Lilamand, aġenti)

**Dispożittiv**

1) L-appell huwa miċħud.

2) HC huwa kkundannat, minbarra għall-ispejjeż rispettivi tiegħu, għal dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.

(1) ĠU C 222, 07.06.2022.

---

## Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tas-27 ta' April 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Markkinaoikeus – il-Finlandja) – Lännen MCE Oy vs Berky GmbH, Senwatec GmbH & Co. KG

**(Kawża C-104/22, Lännen MCE)** (1)

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Regolament (UE) 2017/1001 – Artikolu 125(5) – Ġurisdizzjoni internazzjonali – Azzjoni għal kontrafazzjoni – Ġurisdizzjoni tal-qrati tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu l-att ta' kontrafazzjoni kien twettaq jew fejn teżisti theddida li jitwettaq – Reklamar muri minn magna tat-tiftix li tuża isem ta' dominju nazzjonali tal-ogħla livell – Reklamar li ma jispeċifikax iż-żona ġeografika tal-kunsinna – Elementi li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni)***

(2023/C 205/17)

*Lingwa tal-kawża: il-Finlandiż*

**Qorti tar-rinviju**

Markkinaoikeus

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Lännen MCE Oy

*Konvenuti:* Berky GmbH, Senwatec GmbH & Co. KG

**Dispożittiv**

L-Artikolu 125(5) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar it-trademark tal-Unjoni Ewropea,

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

il-proprjetarju ta' trade mark tal-Unjoni Ewropea, li jqis li huwa ppreġudikat mill-użu, mingħajr il-kunsens tiegħu, minn terz, ta' sinjal identiku għal din it-trade mark f'reklamar jew f'offerti għal bejgħ online għal prodotti identiċi jew simili għal dawk li għalihom l-imsemmija trade mark hija rreġistrata, jista' jibda azzjoni għal kontrafazzjoni kontra dan it-terz quddiem qorti tat-trade marks tal-Unjoni Ewropea tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jinsabu konsumaturi u professjonisti mmirati minn dan ir-reklamar jew minn dawn l-offerti għal bejgħ, minkejja l-fatt li l-imsemmi terz ma jelenkax b'mod espliċitu u univokali lil dan l-Istat Membru fost it-territorji li lejhom tista' ssir kunsinna tal-prodotti inkwistjoni, jekk dan l-istess terz ikun għamel użu minn dan is-sinjal billi wettaq referenzjar bi ħlas fuq is-sit internet ta' magna tat-tiftix li tuża isem ta' dominju nazzjonali tal-ogħla livell ta' dan l-Istat Membru. Għall-kuntrarju, dan ma jkunx il-każ minħabba s-sempliċi fatt li t-terz ikkonċernat ikun wettaq ir-referenzjar naturali ta' stampi tal-prodotti tiegħu fuq servizz ta' skambju online ta' ritratti li jaqgħu taħt dominju ġeneriku tal-ogħla livell, billi uża meta tags li jużaw it-trade mark ikkonċernata bħala kelma prinċipali.

(1) ĠU C 171, 25.4.2022.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tas-27 ta' April 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Gerechtshof Amsterdam – il-Pajjiżi l-Baxxi) – X BV, Inspecteur van de Belastingdienst vs Douane district Rotterdam**

**(Kawża C-107/22 (1), X u Inspecteur van de Belastingdienst Douane)**

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Tariffa doganali komuni – Klassifikazzjoni tal-merkanzija – Nomenklatura Magħquda – Interpretazzjoni – Regoli ġenerali – Regola ġenerali 2(a) – Oġġett ippreżentat fl-istat żarmat jew mhux immuntat – Komponenti intiżi li jikkostitwixxu, wara l-assemblaġġ tagħhom, riċevitur bis-satellita – Klassifikazzjoni bħala riċevitur komplet)***

(2023/C 205/18)

*Lingwa tal-kawża: l-Olandiż*

**Qorti tar-rinviju**

Gerechtshof Amsterdam

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* X BV

*fil-preżenza ta':* Inspecteur van de Belastingdienst/Douane district Rotterdam

**Dispożittiv**

1) Ir-Regola ġenerali 2(a) tar-Regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda, kif stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana, kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1549/2006 tas-17 ta' Ottubru 2006,

għandha tiġi interpretata fis-sens li:

komponenti ta’ riċevitur bis-satellita li huma intiżi, wara r-rilaxx tagħhom għal ċirkulazzjoni libera, li jiġu mmuntati f’apparat komplet, li huma ttrasportati f’kontejner wieħed u li huma ddikjarati għall-finijiet tar-rilaxx tagħhom għal ċirkulazzjoni libera fl-istess jum quddiem l-istess uffiċċju doganali mill-istess dikjarant, f’ismu propju u għan-nom tiegħu stess, permezz ta’ żewġ dikjarazzjonijiet ta’ rilaxx għal ċirkulazzjoni libera distinti, u li, meta jiġu rrilaxxati għal ċirkulazzjoni libera, jappartjenu lil żewġ impriżi konnessi, għandhom jitqiesu li jikkostitwixxu tali apparat, ippreżentat fi stat żarmat jew mhux immuntat, fis-sens ta’ din l-istess regola, u jaqgħu għaldaqstant taħt l-istess intestatura tariffarja, sa fejn jiġi stabbilit, fid-dawl ta’ fatturi oġġettivi, li dawn il-partijiet jifformaw unità u jinkludu l-komponenti kollha li jikkostitwixxu dan l-apparat.

2) Ir-Regola ġenerali 2(a) tar-Regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda, kif stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament Nru 2658/87, kif emendat bir-Regolament Nru 1549/2006,

għandha tiġi interpretata fis-sens li:

hija tapplika wkoll meta parti mill-merkanzija inkwistjoni tkun iddikjarata għall-finijiet tar-rilaxx tagħha għal ċirkulazzjoni libera filwaqt li l-parti l-oħra titqiegħed taħt il-proċedura ta’ tranżitu estern tal-Komunità.

(1) ĠU C 207, 23.5.2022.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tas-27 ta’ April 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Bundesarbeitsgericht – il-Ġermanja) – FI vs Bayerische Motoren Werke AG**

**(Kawża C-192/22 , Bayerische Motoren Werke)** (1)

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Politika soċjali – Direttiva 2003/88/KE – Artikolu 7(1) – Artikolu 31(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Dritt għal-leave annwali mħallas – Estinzjoni ta’ dan id-dritt – Skema ta’ rtirar progressiv mix-xogħol – Ġranet ta’ leave annwali mħallas miksuba matul il-fażi ta’ xogħol imwettqa abbażi ta’ din l-iskema iżda li għadhom ma ttieħdux – Inkapaċità għax-xogħol)***

(2023/C 205/19)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Bundesarbeitsgericht

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* FI

*Konvenut:* Bayerische Motoren Werke AG

**Dispożittiv**

L-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88/KE li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol, moqri fid-dawl tal-Artikolu 31(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi li d-dritt għal-leave annwali mħallas, miksub minn ħaddiem abbażi tal-eżerċizzju tax-xogħol tiegħu fil-kuntest ta’ skema ta’ rtirar progressiv, jintilef, fi tmiem is-sena ta’ referenza għal-leave jew f’data sussegwenti, meta l-ħaddiem ikun ġie prekluż milli jieħu dan il-leave qabel il-fażi ta’ dispensa mix-xogħol minħabba mard anki fil-każ fejn ma jkunx hemm assenza fit-tul.

(1) ĠU C 222, 7.6.2022.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) tal-20 ta' April 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari tas-Supremo Tribunal de Justiça – il-Portugall) – Ocidental – Companhia Portuguesa de Seguros de Vida SA vs LP**

**(Kawża C-263/22 [1], Ocidental – Companhia Portuguesa de Seguros de Vida)**

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Klawżoli inġusti fil-kuntratti konklużi mal-konsumaturi – Direttiva 93/13/KEE – -L-Artikoli 3 sa 6 – Kriterji ta' evalwazzjoni tan-natura inġusta ta' klawżola kuntrattwali – Rekwiżit ta' trasparenza – Kuntratt ta' assigurazzjoni ta' grupp – Invalidità permanenti tal-konsumatur – Obbligu ta' informazzjoni – Nuqqas ta' komunikazzjoni ta' klawżola ta' limitazzjoni jew ta' esklużjoni mill-kopertura tar-riskju assigurat)***

(2023/C 205/20)

*Lingwa tal-kawża: il-Portugiż*

**Qorti tar-rinviju**

Supremo Tribunal de Justiça

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Ocidental – Companhia Portuguesa de Seguros de Vida SA

*Konvenut:* LP

*fil-preżenza ta':* Banco Comercial Português SA, Banco de Investimento Imobiliário SA

**Dispożittiv**

1) L-Artikolu 4(2) u l-Artikolu 5 tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE, tal-5 ta' April 1993, dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur, moqrija fid-dawl tal-għoxrin premessa ta' din id-direttiva,

   għandhom jiġu interpretati fis-sens li:

   konsumatur għandu dejjem ikollu l-possibbiltà li jsir jaf, qabel il-konklużjoni ta' kuntratt, bil-klawżoli kollha li dan tal-aħħar ikun fih.

2) L-Artikolu 3(1) u l-Artikoli 4 sa 6 tad-Direttiva 93/13

   għandhom jiġu interpretati fis-sens li:

   meta klawżola ta' kuntratt ta' assigurazzjoni dwar l-esklużjoni jew il-limitazzjoni tal-kopertura tar-riskju assigurat, li l-konsumatur ikkonċernat ma setax ikun jaf biha qabel il-konklużjoni ta' dan il-kuntratt, hija kklassifikata bħala inġusta mill-qorti nazzjonali, din il-qorti hija obbligata teskludi l-applikazzjoni ta' din il-klawżola sabiex din ma tipproduċix effetti vinkolanti fil-konfront ta' dan il-konsumatur.

[1] ĠU C 276, 18.7.2022.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) tal-20 ta' April 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari tan-Naczelny Sąd Administracyjny – il-Polonja) – Dyrektor Krajowej Informacji Skarbowej vs P. w W.**

**(Kawża C-282/22 [1], Dyrektor Krajowej Informacji Skarbowej)**

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Tassazzjoni – Taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) – Direttiva 2006/112/KE – Artikoli 14, 15 u 24 – Punti tal-iċċarġjar ta' vetturi elettriċi – Tqegħid għad-dispożizzjoni tat-tagħmir intiż għall-iċċarġjar ta' vetturi elettriċi, il-provvista tal-elettriku neċessarju kif ukoll il-provvista ta' assistenza teknika u ta' servizzi informatiċi – Kwalifika bħala "kunsinna ta' oġġetti" jew bħala "provvista ta' servizzi")***

(2023/C 205/21)

*Lingwa tal-kawża: il-Pollakk*

**Qorti tar-rinviju**

Naczelny Sąd Administracyjny

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Dyrektor Krajowej Informacji Skarbowej

*Konvenut:* P. w W.

*fil-preżenza ta':* Rzecznik Małych i Średnich Przedsiębiorców

**Dispożittiv**

Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat 28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 2009/162/UE tat-22 ta' Diċembru 2009,

għandha tiġi interpretata fis-sens li:

tikkostitwixxi "kunsinna ta' oġġetti", fis-sens tal-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2006/112, kif emendata, provvista unika u kumplessa komposta minn:

— aċċess għal tagħmir tal-iċċarġjar għal vetturi elettriċi (inkluża l-integrazzjoni ta' ċarġer mas-sistema operattiva tal-vettura);

— trażmissjoni ta' elettriku b'parametri adattati kif xieraq għall-batteriji ta' dik il-vettura;

— assistenza teknika meħtieġa għall-utenti kkonċernati;

— tqegħid għad-dispożizzjoni ta' applikazzjonijiet informatiċi li jippermettu lill-utent ikkonċernat jirriżerva konnettur, li jikkonsulta l-istorja tat-tranżazzjonijiet kif ukoll li jixtri krediti akkumulati f'portafoll diġitali u li jużahom biex iħallas l-iċċarġjar.

[1] ĠU C 326, 29.08.2022.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tal-20 ta' April 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunale Amministrativo Regionale per la Puglia – l-Italja) – Autorità Garante della Concorrenza e del Mercato vs Comune di Ginosa**

**(Kawża C-348/22, Autorità Garante della Concorrenza e del Mercato (Commune de Ginosa))** [1]

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Servizzi fis-suq intern – Direttiva 2006/123/KE – Evalwazzjoni tal-validità – Bażi legali – Artikolu 47, Artikolu 55 u Artikolu 94 KE – Interpretazzjoni – Artikolu 12(1) u (2) ta' din id-direttiva – Effett dirett – Natura inkundizzjonata u suffiċjentement preċiża tal-obbligu, għall-Istati Membri, li japplikaw proċedura ta' selezzjoni imparzjali u trasparenti bejn il-kandidati potenzjali, kif ukoll il-projbizzjoni tat-tiġdid awtomatiku ta' awtorizzazzjoni mogħtija għal attività partikolari – Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi l-estensjoni awtomatika ta' konċessjonijiet ta' okkupazzjoni tal-proprjetà pubblika marittima)***

(2023/C 205/22)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunale Amministrativo Regionale per la Puglia

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Autorità Garante della Concorrenza e del Mercato

*Konvenut:* Comune di Ginosa

*Fil-preċenza ta':* L'Angolino Soc. coop., Lido Orsa Minore di AB, La Capannina Srl, Sud Platinum Srl, Lido Zanzibar Srl, Poseidone Srl, Lg Srls, Lido Franco di GH & C. Snc, Lido Centrale Piccola Soc. Coop. arl, Bagno Cesena Srls, E.T. Edilizia e Turismo Srl, Bluserena SpA, Associazione Pro Loco "Luigi Strada", M2g Raw Materials SpA, JF, D.M.D. Snc di CD & C. Snc, Ro.Mat., di MN & Co Snc, Perla dello Jonio Srl, Ditta Individuale EF, Associazione Dopolavoro Ferroviario Sez. Marina di Ginosa, Al Capricio Bis di RS, LB, Sib Sindacato Italiano Balneari, Federazione Imprese Demaniali

**Dispożittiv**

1) L-Artikolu 12(1) u (2) tad-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern,

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

ma japplikax biss għall-konċessjonijiet ta' okkupazzjoni ta' proprjetà pubblika marittima li għandhom interess transkonfinali ċert.

2) L-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 2006/123

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

ma jipprekludix li l-iskarsezza tar-riżorsi naturali u tal-konċessjonijiet disponibbli tiġi evalwata b'implimentazzjoni konġunta ta' approċċ astratt u ġenerali, fuq skala nazzjonali, u approċċ ta' każ b'każ, ibbażat fuq analiżi tat-territorju kostali tal-komun ikkonċernat.

3) L-eżami tal-ewwel domanda ma żvela l-ebda element ta' natura li jaffettwa l-validità tad-Direttiva 2006/123 fid-dawl tal-Artikolu 94 KE.

4) L-Artikolu 12(1) u (2) tad-Direttiva 2006/123

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

l-obbligu, għall-Istati Membri, li japplikaw proċedura ta' selezzjoni imparzjali u trasparenti bejn il-kandidati potenzjali, kif ukoll il-projbizzjoni ta' tiġdid awtomatiku ta' awtorizzazzjoni mogħtija għal attività partikolari huma stabbiliti b'mod inkundizzjonat u suffiċjentement preċiż sabiex ikunu jistgħu jitqiesu li għandhom effett dirett.

5) It-tielet paragrafu tal-Artikolu 288 TFUE

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

l-evalwazzjoni tal-effett dirett marbut mal-obbligu u mal-projbizzjoni previsti fl-Artikolu 12(1) u (2) tad-Direttiva 2006/123, kif ukoll l-obbligu li ma jiġux applikati dispożizzjonijiet nazzjonali kuntrarji jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-qrati nazzjonali u tal-awtoritajiet amministrattivi, inklużi dawk komunali.

(1) ĠU C 318, 22.8.2022.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) tas-27 ta' April 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunal d'arrondissement de Luxembourg – il-Lussemburgu) – CM vs DN**

**(Kawża C-372/22 (1), CM (Dritt ta' aċċess għal wild li ċċaqlaq))**

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Ġurisdizzjoni, rikonoxximent u eżekuzzjoni tas-sentenzi fil-qasam matrimonjali u fil-qasam tar-responsabbiltà tal-ġenituri – Regolament (KE) Nru 2201/2003 – Artikoli 9 u 15 – Żamma tal-ġurisdizzjoni tal-qrati tal-Istat Membru tar-residenza abitwali preċedenti tal-wild wara ċ-ċaqliq – Kunċett ta' "ċaqliq" – Talba għal modifika ta' deċiżjoni dwar id-dritt ta' aċċess – Kalkolu tat-terminu li fih għandha tiġi ppreżentata tali talba – Rinviju tal-kawża lil qorti tal-Istat Membru tar-residenza abitwali l-ġdida tal-minuri, f'pożizzjoni aħjar li tieħu konjizzjoni tal-kawża)***

(2023/C 205/23)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunal d'arrondissement de Luxembourg

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* CM

*Konvenut:* DN

**Dispożittiv**

1) L-Artikolu 9(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 tas-27 ta' Novembru 2003 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000.

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

il-perijodu ta' tliet xhur li matulu, b'deroga mill-Artikolu 8(1) tar-Regolament Nru 2201/2003, il-qrati tal-Istat Membru tar-residenza abitwali preċedenti tal-wild jibqgħu jkollhom ġurisdizzjoni sabiex jieħdu konjizzjoni ta' talba għal modifika ta' deċiżjoni definittiva dwar id-dritt ta' aċċess, jibda fil-jum wara dak taċ-ċaqliq effettiv ta' dan il-wild lejn l-Istat Membru tar-residenza abitwali l-ġdida tiegħu.

2) Ir-Regolament Nru 2201/2003

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

il-qorti tal-Istat Membru tar-residenza abitwali preċedenti tal-wild, li għandha ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi fuq il-mertu skont l-Artikolu 9 ta' dan ir-regolament, tista' teżerċita l-possibbiltà ta' trasferiment prevista fl-Artikolu 15 tal-imsemmi regolament, lill-qorti tal-Istat Membru tar-residenza abitwali l-ġdida ta' dan il-wild, sa fejn il-kundizzjonijiet previsti f'dan l-Artikolu 15 ikunu ssodisfatti.

(1) ĠU C 359, 19.09.2022.

**Appell ippreżentat fit-12 ta' Ottubru 2022 minn Luís Miguel Novais mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġenerali (Is-Sitt Awla) fit-2 ta' Awwissu 2022 fil-Kawża T-376/22, Novais vs Il-Portugall**

**(Kawża C-637/22 P)**

(2023/C 205/24)

*Lingwa tal-kawża: il-Portugiż*

**Partijiet**

*Appellant:* Luís Miguel Novais (rappreżentanti: Á. Oliveira u C. Almeida Lopes, advogados)

*Parti oħra fil-proċedura:* Ir-Repubblika Portugiża

Permezz ta' digriet tal-20 ta' April 2023, il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) ċaħdet l-appell bħala manifest inammissibbli u kkundannat lil Luís Miguel Novais għall-ispejjeż rispettivi tiegħu.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Curtea de Apel Bucureşti (ir-Rumanija) fis-7 ta' Frar 2023 – Streaming Services Srl, fi stralċ, irrappreżentata mill-istralċarju ġudizzjarju Cabinet Individual de Insolvență "Mihai Florea" vs Agenția Națională de Administrare Fiscală – Direcția Generală de Soluționare a Contestațiilor, Administrația Județeană a Finanțelor Publice Călăraşi**

**(Kawża C-69/23)**

(2023/C 205/25)

*Lingwa tal-kawża: ir-Rumen*

**Qorti tar-rinviju**

Curtea de Apel Bucureşti

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Streaming Services Srl, fi stralċ, irrappreżentata mill-istralċarju ġudizzjarju Cabinet Individual de Insolvență "Mihai Florea"

*Konvenut:* Agenția Națională de Administrare Fiscală – Direcția Generală de Soluționare a Contestațiilor, Administrația Județeană a Finanțelor Publice Călăraşi

**Domandi preliminari**

1) Għall-finijiet tal-interpretazzjoni u tal-applikazzjoni uniformi tad-dritt [tal-Unjoni], is-servizzi ta' provvista ta' kontenut diġitali bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li jikkonsistu f'sessjonijiet interattivi b'kontenut erotiku, iffilmjati u mxandra b'mod dirett permezz ta' mezzi elettroniċi/internet, ipprovduti minn persuna taxxabbli minn Stat Membru tal-Unjoni Ewropea (P1, studio tal-video chat) lil persuna taxxabbli oħra li tinsab fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni (P2, pjattaforma ta' streaming dirett), jirrappreżentaw provvista intra-Komunitarja ta' servizzi li taqa' taħt ir-regola ġenerali prevista mill-Artikolu 44 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud [1], jew jikkostitwixxu l-aċċess għal avveniment ta' divertiment, fis-sens tal-Artikolu 53 tad-Direttiva 2006/112?

2) Fl-interpretazzjoni u fl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 53 tad-Direttiva 2006/112 u tal-Artikolu 32(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 282/2011 tal-15 ta' Marzu 2011 li jistabbilixxi miżuri ta' implimentazzjoni fir-rigward tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud [2], liema huwa l-post li għandu jitqies bħala dak fejn l-imsemmija avvenimenti fil-fatt seħħew fil-każ ta' attivitajiet li jikkonsistu f'sessjonijiet interattivi b'kontenut erotiku, iffilmjati u mxandra b'mod dirett permezz ta' mezzi elettroniċi/internet (speċifiċi għall-attività tal-video chat), bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jekk:

a) il-persuna fiżika (il-mudell) u l-istudio tal-video chat,

b) il-pjattaforma ta' streaming dirett u

c) il-persuna fiżika li tħallas għall-aċċess għal dawn is-servizzi ta' streaming dirett (il-klijent finali)

ikunu jinsabu fi Stati Membri jew fi Stati terzi differenti?

3) Fid-dawl tar-risposta mogħtija lill-ewwel żewġ domandi, f'liema mit-tliet Stati Membri tal-Unjoni għandhom isiru d-dikjarazzjoni u, rispettivament, il-ħlas tat-taxxa fuq il-valur miżjud relatata mal-provvista ta' servizzi?

4) Id-Direttiva 2006/112 u l-prinċipju ta' ħelsien mit-taxxa doppja jipprekludu leġiżlazzjoni fiskali nazzjonali, bħall-Artikolu 307 tal-Legea nr. 227/2015 privind Codul fiscal (il-Liġi Nru 227/2015 dwar il-Kodiċi Fiskali), li jipprevedi li:

A) l-awtoritajiet nazzjonali tat-taxxa tal-Istat tal-fornitur jistgħu jikkwalifikaw is-servizzi transkonfinali pprovduti minn persuna taxxabbli minn Stat Membru tal-Unjoni (P1, studio tal-video chat), li jikkonsistu fil-provvista (ċessjoni) ta' kontenut diġitali bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, lil persuna taxxabbli li tinsab fi Stat Membru ieħor (P2), permezz ta' pjattaforma ta' streaming dirett li tinsab fi Stat ieħor (P3), bħala servizzi li jikkonsistu fl-għoti ta' aċċess għal avveniment ta' divertiment, fis-sens tal-Artikolu 53 tad-Direttiva 2006/112, bil-konsegwenza li l-VAT relatata ma' dawn is-servizzi jkollha tinġabar u titħallas lill-baġit tal-Istat fejn il-fornitur għandu l-uffiċċju prinċipali tiegħu, fejn qabel l-istess servizzi msemmija hawn fuq kienu kklassifikati mill-awtoritajiet tat-taxxa tal-Istat fejn jinsab il-benefiċjarju tas-servizzi (P2), b'att amministrattiv fiskali li sar definittiv peress li ma kienx hemm azzjoni ġudizzjarja quddiem qorti, bħala servizzi intra-Komunitarji taħt ir-regola ġenerali prevista mill-Artikolu 44 tad-Direttiva 2006/112? Huwa possibbli li tinkiseb, mill-awtoritajiet tat-taxxa, li sussegwentement lilhom ġiet riferuta l-kwistjoni jew li qed jaġixxu *ex officio*, klassifikazzjoni legali differenti tas-servizzi transkonfinali li huma s-suġġett tal-kontroll fiskali f'dan l-Istat, mill-klassifikazzjoni legali diġà miksuba għall-istess servizzi, permezz ta' att amministrattiv tat-taxxa li sar definittiv fl-assenza ta' azzjoni ġudizzjarja quddiem qorti, mill-awtoritajiet tat-taxxa ta' Stat ieħor, li inizjalment lilhom ġiet riferuta l-kwistjoni jew li qed jaġixxu *ex officio*, sitwazzjoni li għandha l-effett ta' tassazzjoni doppja ta' VAT, jew l-awtoritajiet tat-taxxa, li sussegwentement lilhom ġiet riferuta l-kwistjoni jew li qed jaġixxu *ex officio*, huma marbuta bil-klassifikazzjoni legali miksuba għas-servizzi transkonfinali kkonċernati li saret mill-awtoritajiet tat-taxxa, li inizjalment lilhom ġiet riferuta l-kwistjoni, klassifikazzjoni legali li saret definittiva fl-assenza ta' azzjoni ġudizzjarja u li [għaldaqstant] ma tistax tinbidel?

B) Fid-dawl tar-risposta mogħtija lid-domandi preċedenti, liema huwa l-post tal-provvista tas-servizzi fis-sens tad-Direttiva 2006/112 u tal-prinċipju ta' ħelsien mit-taxxa doppja f'sitwazzjoni bħal dik fil-kawża prinċipali?

---

([1]) ĠU 2006, L 347, p. 1, rettifika fil-ĠU 2007, L 335, p. 60.
([2]) ĠU 2011, L 77, p. 1.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Curtea de Apel Ploieşti (ir-Rumanija) fl-10 ta' Frar 2023 – Proċeduri kriminali kontra C.A.A., C.F.G., C.G.C., C.D.R., G.L.C., G.S., L.C.I., M.G., M.C.G., N.A.S., P.C., U.V., S.O., Ş.V.O., C.V., I.R.P., B.I.I.**

**(Kawża C-74/23)**

(2023/C 205/26)

*Lingwa tal-kawża: ir-Rumen*

**Qorti tar-rinviju**

Curtea de Apel Ploieşti

**Rikorrent**

Parchetul de pe lângă Înalta Curte de Casație și Justiție – Direcția Națională Anticorupție – Serviciul Teritorial Brașov

**Konvenuti**

C.A.A., C.F.G., C.G.C., C.D.R., G.L.C., G.S., L.C.I., M.G., M.C.G., N.A.S., P.C., U.V., S.O., Ş.V.O., C.V., I.R.P., B.I.I.

**Parti ċivili**

Unitatea Administrativ Teritorială Județul Brașov

**Partijiet ikkonċernati**

C. M., C. A., C. Al.

**Domandi preliminari**

1) L-Artikolu 2 TUE, it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE u l-Artikolu 4[(3)] TUE, flimkien mal-Artikolu 325(1) TFUE u l-Artikolu 2(1) tal-Konvenzjoni li saret fuq il-bażi ta' l-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej [1], flimkien mal-Artikolu 2 u mal-Artikolu 12 tad-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali [2], kif ukoll mad-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 fuq kordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi [kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet, għal provvisti u għal servizzi] [3], b'riferiment għall-prinċipju li jiġu mhaddna sanzjonijiet effettivi u dissważivi f'każijiet ta' frodi li jkunu serji u li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea, b'applikazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/928/KE tat-13 ta' Diċembru 2006 dwar it-twaqqif ta' mekkaniżmu għall-kooperazzjoni u l-verfika tal-progress fir-Rumanija sabiex jiġu indirizzati punti ta' riferiment speċifiċi fl-oqsma tar-riforma ġudizzjarja u tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni [4], b'riferiment għall-aħħar sentenza tal-Artikolu 49[(1)] tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu sitwazzjoni legali bħal dik fil-kawża prinċipali, fejn l-akkużati jitolbu l-applikazzjoni tal-prinċipju tal-iktar liġi kriminali favorevoli f'sitwazzjoni ta' deċiżjoni tal-qorti kostituzzjonali nazzjonali li ddikjarat antikostituzzjonali test ta' liġi dwar l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni tar-responsabbiltà kriminali (deċiżjoni tas-sena 2022), għar-raġuni li l-leġiżlatur naqas milli jintervjeni sabiex it-test inkwistjoni jinġieb konformi ma' deċiżjoni oħra tal-istess qorti kostituzzjonali mogħtija erba' snin qabel (deċiżjoni tas-sena 2018), fejn matul dan il-perijodu l-ġurisprudenza tal-qrati ordinarji mogħtija b'applikazzjoni tal-ewwel deċiżjoni kienet diġà ġiet stabbilita fis-sens li t-test inkwistjoni kif mifhum bħala riżultat tal-ewwel deċiżjoni tal-qorti kostituzzjonali kien għadu fis-seħħ, bil-konsegwenza fil-prattika li jitnaqqas bin-nofs it-terminu ta' preskrizzjoni għall-atti kriminali kollha li fir-rigward tagħhom ma tkun ngħatat l-ebda sentenza definittiva ta' kundanna qabel l-ewwel deċiżjoni tal-qorti kostituzzjonali u konsegwentement li jitwaqqfu l-proċeduri kriminali kontra l-akkużati inkwistjoni?

2) L-Artikolu 2 TUE dwar il-valuri tal-Istat tad-dritt u tar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem f'soċjetà kkaratterizzata mill-ġustizzja u l-Artikolu 4[(3)] TUE dwar il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali bejn l-Unjoni u l-Istati Membri, b'applikazzjoni tad-Deċiżjoni 2006/928 taħt l-aspett tal-impenn li tiġi żgurata l-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja Rumena, b'riferiment għall-aħħar sentenza tal-Artikolu 49[(1)] tal-Karta li jistabbilixxi l-prinċipju tal-iktar liġi kriminali favorevoli, għandhom jiġu interpretati, fir-rigward tas-sistema legali nazzjonali kollha kemm hi, fis-sens li jipprekludu sitwazzjoni legali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, fejn l-akkużati jitolbu l-applikazzjoni tal-prinċipju tal-iktar liġi kriminali favorevoli f'sitwazzjoni ta' deċiżjoni tal-qorti kostituzzjonali nazzjonali li ddikjarat antikostituzzjonali test ta' liġi dwar l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni tar-responsabbiltà kriminali (deċiżjoni tas-sena 2022), għar-raġuni li l-leġiżlatur naqas milli jintervjeni sabiex it-test inkwistjoni jinġieb konformi ma' deċiżjoni oħra tal-istess qorti kostituzzjonali mogħtija erba' snin qabel (deċiżjoni tas-sena 2018), fejn matul dan il-perijodu l-ġurisprudenza tal-qrati ordinarji mogħtija b'applikazzjoni tal-ewwel deċiżjoni kienet diġà ġiet stabbilita fis-sens li t-test inkwistjoni kif mifhum bħala riżultat tal-ewwel deċiżjoni tal-qorti kostituzzjonali kien għadu fis-seħħ, bil-konsegwenza fil-prattika li jitnaqqas bin-nofs it-terminu ta' preskrizzjoni għall-atti kriminali kollha li fir-rigward tagħhom ma tkun ngħatat l-ebda sentenza definittiva ta' kundanna qabel l-ewwel deċiżjoni tal-qorti kostituzzjonali u konsegwentement li jitwaqqfu l-proċeduri kriminali kontra l-akkużati inkwistjoni?

3) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv u biss jekk ma tkunx tista' tingħata interpretazzjoni skont id-dritt tal-Unjoni, il-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni jew prassi nazzjonali li twassal sabiex il-qrati ordinarji nazzjonali jkunu marbuta bid-deċiżjonijiet tal-qorti kostituzzjonali nazzjonali u bid-deċiżjonijiet vinkolanti tal-qorti suprema nazzjonali u ma jistgħux, għal din ir-raġuni u mingħajr ir-riskju li jwettqu nuqqas dixxiplinari, iħallu mhux applikata l-ġurisprudenza li tirriżulta mid-deċiżjonijiet imsemmija, anki jekk huma jqisu, fid-dawl ta' sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, li din il-ġurisprudenza tmur kontra l-Artikolu 2 TUE, it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE u l-Artikolu 4 [(3)] TUE, flimkien mal-Artikolu 325(1) TFUE, b'applikazzjoni tad-Deċiżjoni 2006/928, b'riferiment għall-aħħar sentenza tal-Artikolu 49[(1)] tal-Karta, bħal fis-sitwazzjoni fil-kawża prinċipali?

(1) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 8, p. 57.
(2) ĠU 2017, L 198, p. 29.
(3) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 7, p. 132.
(4) ĠU 2007, L 142M, p. 825.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Curtea de Apel Braşov (ir-Rumanija) fl-10 ta’ Frar 2023 – Proċeduri kriminali kontra M.A.sr, S.A.C.S., S.A.S.**

**(Kawża C-75/23, Parchetul de pe lângă Tribunalul Braşov)**

(2023/C 205/27)

*Lingwa tal-kawża: ir-Rumen*

**Qorti tar-rinviju**

Curtea de Apel Braşov

**Rikorrent**

Parchetul de pe lângă Tribunalul Brașov

**Konvenuti**

M.A.sr, S.A.C.S., S.A.S.

**Parti ċivili**

L-Istat Rumen

**Domandi preliminari**

1) L-Artikolu 2 TUE, it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE u l-Artikolu 4[(3)] TUE, flimkien mal-Artikolu 325(1) TFUE u l-Artikolu 2(1) tal-Konvenzjoni li saret fuq il-bażi ta’ l-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dwar il-protezzjoni ta’ l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej ([1]), flimkien mal-Artikolu 2 u mal-Artikolu 12 tad-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta’ Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali ([2]), kif ukoll mad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta’ Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta’ taxxa fuq il-valur miżjud ([3]), b’riferiment għall-prinċipju li jiġu mħaddna sanzjonijiet effettivi u dissważivi f’każijiet ta’ frodi li jkunu serji u li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea, b’applikazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/928/KE tat-13 ta’ Diċembru 2006 dwar it-twaqqif ta’ mekkaniżmu għall-kooperazzjoni u l-verfika tal-progress fir-Rumanija sabiex jiġu indirizzati punti ta’ riferiment speċifiċi fl-oqsma tar-riforma ġudizzjarja u tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni ([4]), b’riferiment għall-aħħar sentenza tal-Artikolu 49[(1)] tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu sitwazzjoni legali bħal dik fil-kawża prinċipali, fejn l-akkużati jitolbu l-applikazzjoni tal-prinċipju tal-iktar liġi kriminali favorevoli f’sitwazzjoni ta’ deċiżjoni tal-qorti kostituzzjonali nazzjonali li ddikjarat antikostituzzjonali test ta’ liġi dwar l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni tar-responsabbiltà kriminali (deċiżjoni tas-sena 2022), għar-raġuni li l-leġiżlatur naqas milli jintervjeni sabiex it-test inkwistjoni jinġieb konformi ma’ deċiżjoni oħra tal-istess qorti kostituzzjonali mogħtija erba’ snin qabel (deċiżjoni tas-sena 2018), fejn matul dan il-perijodu l-ġurisprudenza tal-qrati ordinarji mogħtija b’applikazzjoni tal-ewwel deċiżjoni kienet diġà ġiet stabbilita fis-sens li t-test inkwistjoni kif mifhum bħala riżultat tal-ewwel deċiżjoni tal-qorti kostituzzjonali kien għadu fis-seħħ, bil-konsegwenza fil-prattika li jitnaqqas bin-nofs it-terminu ta’ preskrizzjoni għall-atti kriminali kollha li fir-rigward tagħhom ma tkun ngħatat l-ebda sentenza definittiva ta’ kundanna qabel l-ewwel deċiżjoni tal-qorti kostituzzjonali u konsegwentement li jitwaqqfu l-proċeduri kriminali kontra l-akkużati inkwistjoni?

2) L-Artikolu 2 TUE dwar il-valuri tal-Istat tad-dritt u tar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem f’soċjetà kkaratterizzata mill-ġustizzja u l-Artikolu 4[(3)] TUE dwar il-prinċipju ta’ kooperazzjoni leali bejn l-Unjoni u l-Istati Membri, b’applikazzjoni tad-Deċiżjoni 2006/928 taħt l-aspett tal-impenn li tiġi żgurata l-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja Rumena, b’riferiment għall-aħħar sentenza tal-Artikolu 49[(1)] tal-Karta li jistabbilixxi l-prinċipju tal-iktar liġi kriminali favorevoli, għandhom jiġu interpretati, fir-rigward tas-sistema legali nazzjonali kollha kemm hi, fis-sens li jipprekludu sitwazzjoni legali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, fejn l-akkużati jitolbu l-applikazzjoni tal-prinċipju tal-iktar liġi kriminali favorevoli f’sitwazzjoni ta’ deċiżjoni tal-qorti kostituzzjonali nazzjonali li ddikjarat antikostituzzjonali test ta’ liġi dwar l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni tar-responsabbiltà kriminali (deċiżjoni tas-sena 2022), għar-raġuni li l-leġiżlatur naqas milli jintervjeni sabiex it-test inkwistjoni jinġieb konformi ma’ deċiżjoni oħra tal-istess qorti kostituzzjonali mogħtija erba’ snin qabel (deċiżjoni tas-sena 2018), fejn matul dan il-perijodu l-ġurisprudenza tal-qrati ordinarji mogħtija b’applikazzjoni tal-ewwel deċiżjoni kienet diġà ġiet stabbilita fis-sens li t-test inkwistjoni kif mifhum bħala riżultat tal-ewwel deċiżjoni tal-qorti kostituzzjonali kien għadu fis-seħħ, bil-konsegwenza fil-prattika li jitnaqqas bin-nofs it-terminu ta’ preskrizzjoni għall-atti kriminali kollha li fir-rigward tagħhom ma tkun ngħatat l-ebda sentenza definittiva ta’ kundanna qabel l-ewwel deċiżjoni tal-qorti kostituzzjonali u konsegwentement li jitwaqqfu l-proċeduri kriminali kontra l-akkużati inkwistjoni?

3) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv u biss jekk ma tkunx tista' tingħata interpretazzjoni skont id-dritt tal-Unjoni, il-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni jew prassi nazzjonali li twassal sabiex il-qrati ordinarji nazzjonali jkunu marbuta bid-deċiżjonijiet tal-qorti kostituzzjonali nazzjonali u bid-deċiżjonijiet vinkolanti tal-qorti suprema nazzjonali u ma jistgħux, għal din ir-raġuni u mingħajr ir-riskju li jwettqu nuqqas dixxiplinari, iħallu mhux applikata l-ġurisprudenza li tirriżulta mid-deċiżjonijiet imsemmija, anki jekk huma jqisu, fid-dawl ta' sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, li din il-ġurisprudenza tmur kontra l-Artikolu 2 TUE, it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE u l-Artikolu 4 [(3)] TUE, flimkien mal-Artikolu 325(1) TFUE, b'applikazzjoni tad-Deċiżjoni 2006/928, b'riferiment għall-aħħar sentenza tal-Artikolu 49[(1)] tal-Karta, bħal fis-sitwazzjoni fil-kawża prinċipali?

(1) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 8, p. 57.
(2) ĠU 2017, L 198, p. 29.
(3) ĠU 2006, L 347, p. l, rettifika fil-ĠU 2007, L 335, p. 60.
(4) ĠU 2007, L 142M, p. 825.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesfinanzhof (il-Ġermanja) fil-15 ta' Frar 2023 – H GmbH vs Finanzamt M**

**(Kawża C-83/23, H GmbH)**

(2023/C 205/28)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Bundesfinanzhof

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* H GmbH

*Konvenut:* Finanzamt M

**Domandi preliminari**

Domandi dwar l-interpretazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (1):

1. Riċevitur ta' provvista li jkun stabbilit fit-territorju nazzjonali għandu l-hekk imsejjaħ dritt dirett kontra l-awtorità fiskali nazzjonali skont is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tal-15 ta' Marzu 2007, Reemtsma Cigarettenfabriken, C-35/05, EU:C:2007:167, meta

   (a) ir-riċevitur tal-provvista jirċievi mingħand il-fornitur tal-provvista, huwa wkoll stabbilit fit-territorju nazzjonali, fattura li tindika t-taxxa nazzjonali, li r-riċevitur tal-provvista jħallas filwaqt li l-fornitur tal-provvista jħallas debitament it-taxxa msemmija fuq il-fattura,

   (b) il-provvista ffatturata tkun madankollu provvista pprovduta fi Stat Membru ieħor,

   (c) ir-riċevitur tal-provvista jkun, minħabba f'hekk, imċaħħad fit-territorju nazzjonali mid-dritt għal tnaqqis tat-taxxa, fl-assenza ta' taxxa legalment dovuta fit-territorju nazzjonali,

   (d) il-fornitur jirregolarizza sussegwentement il-fattura billi jħalli barra l-indikazzjoni tat-taxxa nazzjonali, u għalhekk inaqqas l-ammont tal-fattura bl-ammont tat-taxxa li kien indikat,

   (e) ir-riċevitur tal-provvista ma jkunx jista' jaġixxi għal ħlas kontra l-fornitur minħabba l-ftuħ ta' proċedura ta' insolvenza fuq l-assi tal-fornitur u

(f) il-fornitur, li jkun għadu ma rreġistrax ruħu fl-Istat Membru l-ieħor, ikollu l-possibbiltà li jirreġistra ruħu għat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) f'dan l-Istat Membru, b'tali mod li mbagħad ikun jista', billi jindika numru ta' identifikazzjoni fiskali ta' dan l-Istat Membru, joħroġ lir-riċevitur tal-provvista fattura li tindika t-taxxa ta' dan l-Istat Membru, li tippermetti lir-riċevitur tal-provvista jnaqqas f'dan l-Istat Membru t-taxxa tal-input imħallsa skont il-proċedura speċjali prevista mid-Direttiva tal-Kunsill 2008/9/KE tat-12 ta' Frar 2008 li tistabbilixxi regoli dettaljati għar-rifużjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud, prevista fid-Direttiva 2006/112/KE għal persuni taxxabbli mhux stabbiliti fl-Istat Membru ta' rifużjoni iżda stabbiliti fi Stat Membru ieħor ([2])?

2. Il-fatt li l-awtorità fiskali nazzjonali tkun ħallset lura lill-fornitur it-taxxa mħallsa, minħabba s-sempliċi regolarizzazzjoni tal-fattura, minkejja li l-fornitur ma jkun irrimborsa xejn lir-riċevitur tal-provvista minħabba l-ftuħ tal-proċedura ta' insolvenza fuq l-assi tiegħu, jaffettwa r-risposta għal din id-domanda?

([1]) ĠU 2006, L 347, p. 1, rettifika fil-ĠU 2007, L 335, p. 60.
([2]) ĠU 2008, L 44, p. 23.

---

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Wojewódzki Sąd Administracyjny w Warszawie (il-Polonja) fil-21 ta' Frar 2023 – Rada Nadzorcza getin Noble Bank *et* vs Bankowt Fundusz Gwarancyny

**(Kawża C-118/23, Getin Holding et)**

(2023/C 205/29)

*Lingwa tal-kawża: il-Pollakk*

### Qorti tar-rinviju

Wojewódzki Sąd Administracyjny w Warszawie

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrenti:* Rada Nadzorcza Getin Noble Bank *et*

*Konvenut:* Bankowy Fundusz Gwarancyjny

### Domandi preliminari

1) L-Artikolu 85(2) u (3) tad-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KE u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/KE, 2012/30/UE u 2013/36/UE, u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), moqri flimkien mal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, għandu jiġi interpretat fis-sens li fil-każ fejn bord superviżorju ta' entità li għaddejja minn proċedura ta' riżoluzzjoni jippreżenta rikors quddiem il-qorti amministrattiva nazzjonali kontra deċiżjoni fir-rigward tar-riżoluzjoni furzata, jiġu ggarantiti rimedji legali effettivi wkoll lill-persuni li jfittxu l-protezzjoni tal-interess legali tagħhom fil-kontestazzjoni ta' din id-deċiżjoni, f'sitwazzjoni fejn il-qorti li twettaq l-istħarriġ tad-deċiżjoni kkontestata ma hijiex marbuta bl-ilmenti u t-talbiet tar-rikors kif ukoll bil-bażi legali invokata, fejn sentenza definittiva, mogħtija b'riżultat tal-eżami ta' dan ir-rikors tħalli effetti *erga omnes* u fejn il-possibbiltà li dawn il-persuni jiksbu protezzjoni tal-interessi legali tagħhom ma hijiex suġġetta għall-preżentata ta' rikors separat kontra l-imsemmija deċiżjoni quddiem il-qorti amministrattiva?

2) L-Artikolu 85(3) tad-Direttiva 2014/59/UE li jintroduċi rekwiżit ta' stħarriġ ġudizzjarju b'ħeffa kif ukoll l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, li jistabbilixxu protezzjoni ġudizzjarja effettiva, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu l-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet proċedurali ta' Stat Membru li jobbligaw lill-qorti amministrattiva tiegħu konjizzjoni magħquda tar-rikorsi kollha hekk kif ġew ippreżentati quddiem din il-qorti kontra deċiżjoni tal-awtorità ta' riżoluzzjoni, f'sitwazzjoni fejn l-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni, flimkien ma' rekwiżiti oħra ta' proċedura nazzjonali marbuta ma' kontenzjuż amministrattiv, tagħti lok, fid-dawl tal-ammont kunsiderevoli ta' tali rikorsi, għall-possibbiltà li l-għoti ta' sentenza fil-kawża inkwistjoni f'terminu raġonevoli jkun eċċessivament diffiċli, jekk mhux saħansitra impossibbli?

3) L-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2014/59/UE għandu jiġi interpretat fis-sens li jawtorizza lil Stat Membru ma jwettaqx separazzjoni strutturali – sabiex tiġi ggarantita l-indipendenza operattiva u jiġi evitat kunflitt ta' interessi – bejn il-funzjonijiet tal-awtorità ta' riżoluzzjoni u funzjonijiet oħra ta' din l-awtorità fil-kapaċità tagħha bħala garanti bil-liġi tad-depożiti bankarji jew kuratur tal-bank (amministratur temporanju) maħtur fuq il-bażi ta' deċiżjonijiet tal-awtorità nazzjonali kompetenti għas-superviżjoni għall-finijiet tar-Regolament (UE) 575/2013 Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 ([2]) u tad-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE ([3])?

4) L-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2014/59/UE għandu jiġi interpretat fis-sens li fil-każ li l-Istat Membru jonqos milli jwettaq l-obbligu li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet strutturali adegwati li jiggarantixxu indipendenza operattiva u li jiġi evitat kunflitt ta' interessi bejn il-funzjonijiet superviżorji bis-saħħa tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u d-Direttiva 2013/36 jew il-funzjonijiet l-oħra tal-awtorità kompetenti u l-funzjonijiet tal-awtorità ta' riżoluzzjoni, il-kundizzjoni dwar indipendenza operattiva u l-evitar tal-kunflitt ta' interessi tista' titqies li tiġi ssodisfatta jekk il-qorti amministrattiva nazzjonali li tistħarreġ id-deċiżjoni ta' riżoluzzjoni tqis li l-applikazzjoni ta' soluzzjonijiet organizzattivi oħra u ta' miżuri effettivi adottati mill-awtorità ta' riżoluzzjoni kienu suffiċjenti sabiex dawn l-effetti jintlaħqu?

---

([1]) ĠU 2014, L 173, p. 190.
([2]) ĠU 2013, L 176, p. 1, u r-rettifiki fil-ĠU 2013, L 208, p. 68, ĠU 2013, L 321, p. 6, ĠU 2017, L 20, p. 2, ĠU 2023, L 92, p. 29.
([3]) ĠU 2013, L 176, p. 338, u r-rettifiki fil-ĠU 2013, L 208, p. 73, ĠU 2017, L 20, p. 1, ĠU 2020, p. 95.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Curtea de Apel Braşov (ir-Rumanija) fit-3 ta' Marzu 2023 – Proċeduri kriminali kontra C.A.A. u C.V.**

**(Kawża C-131/23, Unitatea Administrativ Teritorială Județul Brașov)**

(2023/C 205/30)

*Lingwa tal-kawża: ir-Rumen*

**Qorti tar-rinviju**

Curtea de Apel Braşov

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* C.A.A., C.V.

*Konvenut*: Unitatea Administrativ Teritorială Județul Brașov

*Parti oħra fil-kawża*: Parchetul de pe lângă Înalta Curte de Casație și Justiție – Direcția Națională Anticorupție – Serviciul Teritorial Brașov

**Domandi preliminari**

1) It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, l-Artikolu 325(1) TFUE, l-Artikolu 2(1) tal-Konvenzjoni li saret fuq il-bażi ta' l-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej ([1]) u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/928/KE tat-13 ta' Diċembru 2006 dwar it-twaqqif ta' mekkaniżmu għall-kooperazzjoni u l-verfika tal-progress fir-Rumanija sabiex jiġu indirizzati punti ta' riferiment speċifiċi fl-oqsma tar-riforma ġudizzjarja u tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni ([2]), għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu l-applikazzjoni ta' sentenza tal-Curtea Constituțională (il-Qorti Kostituzzjonali, ir-Rumanija) li stabbilixxiet retroattivament l-assenza ta' każ ta' interruzzjoni tat-terminu ta' preskrizzjoni, bil-kundizzjoni li teżisti ġurisprudenza mifruxa u stabbilita tal-qrati nazzjonali, inkluża l-ogħla qrati, u bil-kundizzjoni li l-applikazzjoni ta' dik is-sentenza twassal għal riskju sistemiku ta' impunità billi jerġgħu jinfetħu numru sinjifikattiv ta' kawżi kriminali li ġa kienu nqatgħu definittivament u l-adozzjoni, f'appell straordinarju, ta' deċiżjoni li ttemm il-proċedura kriminali minħabba l-konstatazzjoni li seħħet il-preskrizzjoni?

2) Il-prinċipju ta’ supremazija tad-dritt tal-Unjoni fid-dawl tad-Deċiżjoni 2006/928 u tat-tielet sentenza tal-Artikolu 49(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-prinċipju ta’ retroattività tal-iktar liġi kriminali favorevoli), jipprekludi l-eżami mill-ġdid, fil-fażi tal-eżekuzzjoni tal-piena, permezz ta’ appell straordinarju, tat-terminu tal-preskrizzjoni tar-responsabbiltà kriminali sa fejn il-preżentazzjoni ta’ tali appell tkun konsegwenza ta’ sentenza tal-Curtea Constituțională (il-Qorti Kostituzzjonali), mogħtija wara li l-kundanna tkun saret definittiva, li permezz tagħha tinqaleb ġurisprudenza mifruxa u stabbilita tal-qrati nazzjonali, u jekk b’dan il-mod jiġi affettwat il-karattru dissważiv u effettiv tal-piena, kif ukoll is-sigurtà u l-istabbiltà tar-relazzjonijiet ġuridiċi?

3) Il-prinċipju ta’ supremazija tad-dritt tal-Unjoni b’riferiment għall-Artikolu 53 tal-Karta jippermetti l-applikazzjoni ta’ standards nazzjonali ta’ protezzjoni, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li huma ggarantiti mid-dritt nazzjonali tal-Istat Membru, li jirriżultaw mill-effetti attribwiti lis-sentenzi tal-Curtea Constituțională (il-Qorti Kostituzzjonali), sa fejn tkun affettwata l-applikazzjoni effettiva tad-dritt tal-Unjoni fit-territorju tal-Istat Membru?

---

(1) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 8, p. 57.
(2) ĠU 2007, L 142M, p. 825.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa min-Nejvyšší správní soud (ir-Repubblika Ċeka) fis-6 ta’ Marzu 2023 – Omya CZ s.r.o. vs Generální ředitelství cel**

**(Kawża C-133/23, Omya CZ)**

(2023/C 205/31)

*Lingwa tal-kawża: iċ-Ċek*

**Qorti tar-rinviju**

Nejvyšší správní soud

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Omya CZ s.r.o.

*Konvenut:* Generální ředitelství cel

**Domanda preliminari**

Il-ħames inċiż tal-Artikolu 2(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/96 tas-27 ta’ Ottubru 2003 li tirriforma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta’ enerġija u elettriku (1) għandu jiġi interpretat li l-elettriku użat sabiex jitħaddmu l-magni użati għall-ipproċessar tal-ġebla tal-ġir maqtugħa mill-barrieri, li jikkonsisti f’diversi stadji ta’ tħin u ta’ tifrik sakemm tinkiseb granulometrija speċifika, kemm fil-barriera minn fejn tinqata’ kif ukoll fil-faċilitajiet ta’ pproċessar li jinsabu fil-qrib, huwa elettriku użat għal trattamenti mineraloġiċi?

---

(1) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 405.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Sąd Rejonowy w Białymstoku (il-Polonja) fl-10 ta’ Marzu 2023 – XL vs Sąd Rejonowy w Białymstoku**

**(Kawża C-146/23, Sąd Rejonowy w Białymstoku)**

(2023/C 205/32)

*Lingwa tal-kawża: il-Pollakk*

**Qorti tar-rinviju**

Sąd Rejonowy w Białymstoku

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrent:* XL

*Konvenut:* Sąd Rejonowy w Białymstoku

### Domanda preliminari

L-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, li, billi jistabbilixxi l-valuri li fuqhom hija bbażata l-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-osservanza tal-Istat tad-dritt, u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea moqri flimkien mal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea li skonthom l-Istati Membri għandhom jiżguraw protezzjoni ġudizzjarja effettiva bbażata fuq id-dritt ta' aċċess għal qorti indipendenti u imparzjali għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-prinċipju tal-indipendenza tal-imħallfin jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li, bil-għan li tillimita l-ispejjeż baġitarji, tidderoga mill-mekkaniżmu li r-remunerazzjoni tal-imħallfin tiġi stabbilita abbażi ta' kriterji oġġettivi, indipendenti mill-indħil arbitrarju tas-setgħa eżekuttiva u dik leġiżlattiva u li twassal għal tnaqqis permanenti tal-livell ta' remunerazzjoni tal-imħallfin, bi ksur tal-garanziji kostituzzjonali li jiżguraw lill-imħallfin remunerazzjoni li tikkorrispondi mad-dinjità tal-funzjoni tagħhom u mal-portata tad-dmirijiet tagħhom u li jiggarantixxu l-amministrazzjoni tal-ġustizzja minn qrati indipendenti u mħallfin indipendenti?

---

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Kúria (l-Ungerija) fis-17 ta' Marzu 2023 – Nemzeti Adatvédelmi és Információszabadság Hatóság vs UC

## (Kawża C-169/23, Másdi [1])

(2023/C 205/33)

*Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż*

### Qorti tar-rinviju

Kúria

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Appellant, konvenut fl-ewwel istanza:* Nemzeti Adatvédelmi és Információszabadság Hatóság

*Appellat, rikorrent fl-ewwel istanza:* UC

### Domandi preliminari

1) L-Artikolu 14(5)(c) tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE [2] (iktar 'il quddiem il-"GDPR"), flimkien mal-Artikolu 14(1) u mal-premessa 62 tal-GDPR, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-eċċezzjoni prevista fl-Artikolu 14(5)(c) ma tagħmilx riferiment għad-data ġġenerata mill-kontrollur fil-kuntest tal-proċess rispettiv tiegħu, iżda biss għad-data li l-kontrollur ikun ġabar speċifikament mingħand persuna oħra?

2) Fil-każ li l-Artikolu 14(5)(c) tal-GDPR japplika wkoll għad-data ġġenerata mill-kontrollur fil-kuntest tal-proċess rispettiv tiegħu, id-dritt li jiġi ppreżentat ilment quddiem awtorità superviżorja, stabbilit fl-Artikolu 77(1) tal-GDPR, għandu jiġi interpretat fis-sens li persuna fiżika li tallega nuqqas ta' twettiq tal-obbligu ta' informazzjoni tista', fil-kuntest tal-eżerċizzju tad-dritt tagħha li tippreżenta ilment, titlob li tiġi eżaminata l-kwistjoni dwar jekk, skont l-Artikolu 14(5)(c) tal-GDPR, id-dritt tal-Istat Membru jipprevedix miżuri adatti intiżi sabiex jiġu protetti l-interessi leġittimi tal-persuna kkonċernata?

3) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għat-tieni domanda, l-Artikolu 14(5)(c) tal-GDPR jista' jiġi interpretat fis-sens li l-"miżuri adatti" msemmija fl-imsemmija dispożizzjoni jeżiġu li l-leġiżlatur nazzjonali jittrasponi (permezz ta' dispożizzjoni legali) il-miżuri dwar is-sigurtà tad-data stabbiliti fl-Artikolu 32 tal-GDPR?

---

([1]) L-isem ta' din il-kawża huwa fittizju. Dan l-isem ma jikkorrispondi għall-isem reali ta' ebda waħda mill-partijiet fil-proċedura.
([2]) ĠU 2016, L 119, p. 1, rettifika fil-ĠU 2018, L 127, p. 2.

---

**Rikors ippreżentat fit-28 ta’ Marzu 2023 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika tal-Bulgarija**

**(Kawża C-198/23)**

(2023/C 205/34)

*Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru*

## Partijiet

*Rikorrent:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Samnadda, C. Georgieva)

*Konvenut:* Ir-Repubblika tal-Bulgarija

## Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

1. tikkonstata li billi naqset milli tadotta d-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolamentari u amministrattivi kollha neċessarji sabiex tikkonforma ruħha mad-Direttiva (UE) 2019/789 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta’ April 2019 li tistabbilixxi regoli dwar l-eżerċizzju tad-dritt tal-awtur u ta’ drittijiet relatati li japplikaw għal ċerti trażmissjonijiet online tal-organizzazzjonijiet tax-xandir u għal trażmissjonijiet mill-ġdid tal-programmi tat-televiżjoni u tar-radju u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/83/KEE [1] (iktar ’il quddiem id-“Direttiva”), u billi naqset milli tikkomunika dawn id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni, ir-Repubblika tal-Bulgarija naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 19 tad-Direttiva;

2. tikkundanna lir-Repubblika tal-Bulgarija tħallas lill-Kummissjoni somma f’daqqa li tikkorrispondi għall-ogħla wieħed minn dawn l-ammonti: (I) somma ta’ kuljum ta’ EUR 1 800, immultiplikata bin-numru ta’ ġranet bejn il-ġurnata ta’ wara dik li fiha skada t-terminu għat-traspożizzjoni previst fid-Direttiva u l-ġurnata li fiha jintemm il-ksur, jew, fil-każ li l-ksur ma jintemmx, il-ġurnata li fiha tingħata deċiżjoni f’din il-kawża; (II) somma f’daqqa ta’ minn tal-inqas EUR 504 000;

3. fil-każ li n-nuqqas ta’ twettiq ta’ obbligu taħt il-punt 1 jippersisti sal-ġurnata li fiha tingħata d-deċiżjoni f’din il-kawża, tikkundanna lir-Repubblika tal-Bulgarija tħallas lill-Kummissjoni pagamenti perjodiċi ta’ penali fl-ammont ta’ EUR 10 800 kuljum għal kull ġurnata bejn dik li fiha tingħata d-deċiżjoni f’din il-kawża u dik li fiha dan l-Istat jikkonforma ruħu mal-obbligi tiegħu taħt id-Direttiva;

4. tikkundanna lir-Repubblika tal-Bulgarija għall-ispejjeż tal-kawża.

## Motivi u argumenti prinċipali

L-għan tad-Direttiva huwa li tikkontribwixxi għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern billi tipprevedi distribuzzjoni usa’ fl-Istati Membri tal-programmi tat-televiżjoni u tar-radju li joriġinaw minn Stati Membri oħra, billi tiffaċilita l-liċenzjar tad-drittijiet tal-awtur u tad-drittijiet relatati fir-rigward ta’ xogħlijiet u materjal protett ieħor li jkunu inklużi fix-xandir ta’ ċerti programmi tat-televiżjoni u tar-radju. Hija testendi l-applikazzjoni tal-prinċipju ta’ pajjiż tal-oriġini għas-servizzi online anċillari għall-programmi tar-radju u għal ċerti tipi ta’ programmi tat-televiżjoni. Hija b’hekk tiggarantixxi wkoll aċċess għal offerta ta’ programmi transkonfinali usa’ u tipprovdi ċertezza legali fir-rigward tal-injezzjoni diretta.

L-Artikolu 12 tad-Direttiva jistabbilixxi s-7 ta’ Ġunju 2021 bħala t-terminu għat-traspożizzjoni tad-Direttiva mill-Istati Membri. Skont l-Artikolu 12(2) ta’ din id-direttiva, “[l]-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tal-miżuri tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva”.

Fit-23 ta’ Lulju 2021, il-Kummissjoni bagħtet lir-Repubblika tal-Bulgarija ittra ta’ intimazzjoni. Fid-19 ta’ Mejju 2022, il-Kummissjoni bagħtet lir-Repubblika tal-Bulgarija opinjoni motivata. Minkejja dan, il-miżuri għat-traspożizzjoni tad-Direttiva għadhom ma ġewx adottati jew, fi kwalunkwe każ, ma ġewx ikkomunikati lill-Kummissjoni.

[1] ĠU 2019, L 130, p. 82.

**Rikors ippreżentat fid-29 ta' Marzu 2023 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika tal-Bulgarija**

**(Kawża C-206/23)**

(2023/C 205/35)

*Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: B. De Meester, E. Rousseva)

*Konvenut:* Ir-Repubblika tal-Bulgarija

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja joghġobha:

1. tikkonstata li billi naqset milli tadotta d-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolamentari u amministrattivi kollha neċessarji sabiex tikkonforma ruħha mad-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli [1], u billi naqset milli tikkomunika dawn id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni, ir-Repubblika tal-Bulgarija naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 36 ta' din id-direttiva;

2. tikkundanna lir-Repubblika tal-Bulgarija tħallas lill-Kummissjoni somma f'daqqa li tikkorrispondi għall-ogħla wieħed minn dawn l-ammonti: (a) somma ta' kuljum ta' EUR 1 800, immultiplikata bin-numru ta' ġranet bejn il-ġurnata ta' wara dik li fiha skada t-terminu għat-traspożizzjoni previst fid-Direttiva u l-ġurnata li fiha jintemm il-ksur, jew, fil-każ li l-ksur ma jintemmx, il-ġurnata li fiha tingħata deċiżjoni f'din il-kawża; (b) somma f'daqqa ta' minn tal-inqas EUR 504 000;

3. fil-każ li n-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu taħt il-punt 1 jippersisti sal-ġurnata li fiha tingħata d-deċiżjoni f'din il-kawża, tikkundanna lir-Repubblika tal-Bulgarija tħallas lill-Kummissjoni pagamenti perjodiċi ta' penali fl-ammont ta' EUR 9 720 kuljum għal kull ġurnata bejn dik li fiha tingħata d-deċiżjoni f'din il-kawża u dik li fiha r-Repubblika tal-Bulgarija tikkonforma ruħha mal-obbligi tagħha taħt id-Direttiva;

4. tikkundanna lir-Repubblika tal-Bulgarija għall-ispejjeż tal-kawża.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli tistabbilixxi l-qafas legali għall-promozzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli fis-settur tal-elettriku, fis-settur tat-tisħin u tat-tkessiħ, kif ukoll fis-settur tat-trasport fl-Unjoni Ewropea. Id-Direttiva tistabbilixxi mira ġenerali vinkolanti għall-Unjoni li, sas-sena 2030, minn tal-inqas 32 % tal-enerġija tkun prodotta minn sorsi rinnovabbli. Id-Direttiva tipprevedi miżuri li jiggarantixxu li l-appoġġ għall-enerġija minn sorsi rinnovabbli tkun ekonomikament effettiva kif ukoll li l-proċeduri amministrattivi fejn jidħlu proġetti ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli jkunu inqas onerużi. Hija tiffaċilita wkoll il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fit-tranżizzjoni tal-enerġija sa fejn tippermetti l-użu tal-elettriku ġġenerat minnhom stess minn sorsi rinnovabbli u l-ħolqien ta' komunitajiet ta' enerġija rinnovabbli. Barra minn hekk, id-Direttiva tipprevedi miri konkreti intiżi li jiżdied is-sehem ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli fis-settur tat-tisħin u fis-settur tat-tkessiħ, kif ukoll fis-settur tat-trasport sas-sena 2030, setturi li fihom it-tranżizzjoni lejn enerġija minn sorsi rinnovabbli tieħu iktar żmien milli fis-settur tal-elettriku. Id-Direttiva ssaħħaħ ukoll il-kriterji li jiżguraw in-natura sostenibbli tal-bijoenerġija.

Fit-23 ta' Lulju 2021 il-Kummissjoni bagħtet lir-Repubblika tal-Bulgarija ittra ta' intimazzjoni li fiha fakkret li t-terminu għat-traspożizzjoni tad-Direttiva kien għadda u li l-Kummissjoni kienet għadha ma rċevietx komunikazzjoni dwar il-miżuri meħuda għat-traspożizzjoni kompleta tagħha. Fit-2 ta' Diċembru 2021 il-Kummissjoni bagħtet lir-Repubblika tal-Bulgarija opinjoni motivata skont l-Artikolu 258 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Minkejja dan, il-miżuri għat-traspożizzjoni tad-Direttiva għadhom ma ġewx adottati jew, fi kwalunkwe każ, ma ġewx ikkomunikati lill-Kummissjoni.

[1] ĠU 2018, L 328, p. 82, rettifiki fil-ĠU 2020, L 311, p. 11, fil-ĠU 2021, L 224, p. 42, u fil-ĠU 2022, L 41, p. 37.

**Rikors ippreżentat fil-31 ta' Marzu 2023 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika tal-Polonja**

**(Kawża C-212/23)**

(2023/C 205/36)

*Lingwa tal-kawża: il-Pollakk*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: U. Małecka u J. Samnadda, aġenti)

*Konvenut:* Ir-Repubblika tal-Polonja

**Talbiet**

— tikkonstata li, billi ma adottatx id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolamentari, jew amministrattivi meħtieġa sabiex tikkonforma ruħha mad-Direttiva (UE) 2019/789 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 li tistabbilixxi regoli dwar l-eżerċizzju tad-dritt tal-awtur u ta' drittijiet relatati li japplikaw għal ċerti trażmissjonijiet online tal-organizzazzjonijiet tax-xandir u għal trażmissjonijiet mill-ġdid tal-programmi tat-televiżjoni u tar-radju u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/83/KEE [1] u billi naqset milli tikkomunika l-imsemmija dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni, ir-Repubblika tal-Polonja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 12(1) ta' din id-direttiva;

— tikkundanna lir-Repubblika tal-Polonja tħallas lill-Kummissjoni somma f'daqqa li tikkorrispondi għall-ogħla ammont mit-tnejn li ġejjin: i) ammont kuljum ta' EUR 13 700 mmultiplikat bin-numru ta' ġranet li jkunu għaddew bejn il-jum wara l-iskadenza tat-terminu ta' traspożizzjoni stabbilit fl-imsemmija direttiva u l-jum tar-regolarizzazzjoni tal-ksur, jew – fl-assenza ta' regolarizzazzjoni – il-jum meta tingħata s-sentenza fl-ewwel istanza; ii) somma f'daqqa minima ta' EUR 3 836 000.

— fil-każ fejn in-nuqqas ikkonstatat fl-ewwel inċiż seħħ sad-data tal-għoti tas-sentenza fl-ewwel istanza, tikkundanna lir-Repubblika tal-Polonja tħallas lill-Kummissjoni pagamenti ta' penalità ta' EUR 82 200 għal kull jum ta' dewmien mid-data tal-imsemmija sentenza sad-data li fiha r-Repubblika tal-Polonja tikkonforma ruħha mal-obbligi tagħha taħt id-Direttiva; u

— tikkundanna lir-Repubblika tal-Polonja għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

L-għan tad-Direttiva (UE) 2019/789 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 li tistabbilixxi regoli dwar l-eżerċizzju tad-dritt tal-awtur u ta' drittijiet relatati li japplikaw għal ċerti trażmissjonijiet online tal-organizzazzjonijiet tax-xandir u għal trażmissjonijiet mill-ġdid tal-programmi tat-televiżjoni u tar-radju u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/83/KEE (iktar 'il quddiem id-"Direttiva 2019/789") huwa li jittejjeb l-aċċess għal numru dejjem ikbar ta' programmi tat-televiżjoni u tar-radju ta' diversi Stati Membru, billi tiffaċilita l-awtorizzazzjoni tad-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati. Konformement mal-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 2019/789, l-Istati Membri kienu obbligati li japplikaw id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolamentari u amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw mad-Direttiva mhux iktar tard mis-7 ta' Ġunju 2021. L-Istati Membri kellhom ukoll l-obbligu li jinformaw immedjatament il-Kummissjoni bil-miżuri adottati.

Fit-23 ta' Lulju 2021, il-Kummissjoni indirizzat lir-Repubblika tal-Polonja ittra ta' intimazzjoni. Fid-19 ta' Mejju 2022, il-Kummissjoni indirizzat opinjoni motivata lir-Repubblika tal-Polonja. Minkejja dan, il-miżuri ta' traspożizzjoni għadhom ma ttieħdux mir-Repubblika tal-Polonja u ma ġewx innotifikati lill-Kummissjoni. Il-miżuri li r-Repubblika tal-Polonja semmiet bħala li jittrasponu parzjalment id-Direttiva 2019/789 fl-ordinament ġuridiku Pollakk kienu jeżistu qabel l-adozzjoni ta' din id-direttiva u ma jinkludu ebda riferiment (klawżoli ta' konnessjoni reċiproka) għall-imsemmija direttiva.

[1] ĠU 2019, L 130, p. 82.

**Rikors ippreżentat fl-14 ta’ April 2023 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika tal-Bulgarija**

**(Kawża C-237/23)**

(2023/C 205/37)

*Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: U. Małecka, L. Malferrari, N. Nikolova)

*Konvenut:* Ir-Repubblika tal-Bulgarija

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

1. tikkonstata li billi naqset milli tadotta d-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolamentari u amministrattivi kollha neċessarji sabiex tikkonforma ruħha mad-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Ġunju 2019 dwar id-*data* miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku ([1]), jew fi kwalunkwe każ billi naqset milli tikkomunika dawn id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni, ir-Repubblika tal-Bulgarija naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 17(1) tal-imsemmija direttiva;

2. tikkundanna lir-Repubblika tal-Bulgarija tħallas lill-Kummissjoni somma f’daqqa li tikkorrispondi għall-ogħla wieħed minn dawn l-ammonti: (i) somma ta’ kuljum ta’ EUR 1 800, immultiplikata bin-numru ta’ ġranet bejn il-ġurnata ta’ wara dik li fiha skada t-terminu għat-traspożizzjoni previst fid-Direttiva u l-ġurnata li fiha jintemm il-ksur, jew, fil-każ li l-ksur ma jintemmx, il-ġurnata li fiha tingħata deċiżjoni f’din il-kawża; jew (ii) somma f’daqqa ta’ minn tal-inqas EUR 504 000;

3. fil-każ li n-nuqqas ta’ twettiq ta’ obbligu taħt il-punt 1 jippersisti sal-ġurnata li fiha tingħata d-deċiżjoni f’din il-kawża, tikkundanna lir-Repubblika tal-Bulgarija tħallas lill-Kummissjoni pagamenti perjodiċi ta’ penali fl-ammont ta’ EUR 9 720 kuljum għal kull ġurnata bejn dik li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja tagħti deċiżjoni f’din il-kawża u dik li fiha r-Repubblika tal-Bulgarija tikkonforma ruħha mal-obbligi tagħha taħt id-Direttiva;

4. tikkundanna lir-Repubblika tal-Bulgarija għall-ispejjeż tal-kawża.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Id-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Ġunju 2019 dwar id-*data* miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku tistabbilixxi sett ta’ regoli minimi li jirregolaw l-użu mill-ġdid u l-arranġamenti prattiċi li jiffaċilitaw l-użu mill-ġdid ta’ dokumenti eżistenti fis-settur pubbliku u ta’ data tar-riċerka bil-għan li tippromwovi l-użu ta’ data miftuħa u bil-għan li tinkoraġġixxi l-innovazzjoni ta’ prodotti u ta’ servizzi. Skont l-Artikolu 17(1) tad-Direttiva, l-Istati Membri kellhom jadottaw id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolamentari u amministrattivi neċessarji sabiex jikkonformaw ruħhom magħha sa mhux iktar tard mis-17 ta’ Lulju 2021. L-Istati Membri huma meħtieġa wkoll jikkomunikaw immedjatament lill-Kummissjoni t-test tal-miżuri adottati.

Il-Kummissjoni bagħtet ittra ta’ intimazzjoni lir-Repubblika tal-Bulgarija fid-29 ta’ Settembru 2021. Fis-6 ta’ April 2022, il-Kummissjoni bagħtet opinjoni motivata lir-Repubblika tal-Bulgarija. Minkejja dan, ir-Repubblika tal-Bulgarija la għadha adottat miżuri ta’ traspożizzjoni u lanqas ma kkomunikathom lill-Kummissjoni.

([1]) ĠU 2019, L 172, p. 56.

**Rikors ippreżentat fl-14 ta' April 2023 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika tal-Latvja**

**(Kawża C-238/23)**

(2023/C 205/38)

*Lingwa tal-kawża: il-Latvjan*

## Partijiet

*Rikorrent:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: U. Małecka, L. Malferrari u I. Naglis)

*Konvenut:* Ir-Repubblika tal-Latvja

## Talbiet

— tiddikjara li, billi ma adottatx u lanqas ma ppubblikat id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolamentari u amministrattivi kollha neċessarji sabiex tikkonforma ruħha mad-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar id-data miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku ([1]) jew, fi kwalunkwe każ, billi ma kkomunikatx tali dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni, ir-Repubblika tal-Latvja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt din id-direttiva;

— tikkundanna lir-Repubblika tal-Latvja tħallas somma f'daqqa ta' EUR 490 kuljum, b'ammont f'daqqa minimu ta' EUR 196 000;

— fil-każ li n-nuqqas iddikjarat fl-ewwel punt ikompli sad-data li fiha tingħata s-sentenza f'din il-kawża, tikkundanna lir-Repubblika tal-Latvja tħallas lill-Kummissjoni pagamenti ta' penalità ta' EUR 2 646 għal kull jum ta' dewmien mill-jum li fih tingħata s-sentenza f'din il-kawża sal-jum li fih ir-Repubblika tal-Latvja twettaq l-obbligi tagħha skont id-Direttiva; u

— tikkundanna lir-Repubblika tal-Latvja għall-ispejjeż.

## Motivi u argumenti prinċipali

Skont l-Artikolu 17(1) tad-Direttiva (UE) 2019/1024 l-Istati Membri kellhom ikunu adottaw, sa mhux iktar tard mis-17 ta' Lulju 2021, id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolamentari u amministrattivi neċessarji sabiex jikkonformaw ruħhom ma' din id-direttiva u kellhom ikunu kkomunikawhom lill-Kummissjoni.

Il-Latvja kkomunikat diversi dispożizzjonijiet leġiżlattivi; madankollu, minbarra l-emendi introdotti fl-Informācijas atklātības likums (il-Liġi dwar il-Libertà tal-Informazzjoni) ebda waħda mid-dispożizzjonijiet ikkomunikati ma tagħmel riferiment għad-Direttiva u, f'diversi mid-dispożizzjonijiet ikkomunikati, l-aħħar emendi wkoll saru qabel l-adozzjoni tad-Direttiva.

Id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi kkomunikati jittrasponu d-Direttiva biss parzjalment.

([1]) ĠU 2019, L 172, p. 56.

# IL-QORTI ĠENERALI

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta’ Marzu 2023 – Campine u Campine Recycling vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-94/20)** [1]

***(“Responsabbiltà mhux kuntrattwali – Kompetizzjoni – Akkordji – Suq tar-riċiklaġġ ta’ batteriji tal-karozzi – Deċiżjoni li tikkonstata ksur għall-Artikolu 101 TFUE – Sentenza li tannulla parzjalment id-deċiżjoni u li tnaqqas l-ammont tal-multa imposta – Rifjut tal-Kummissjoni li tħallas l-interessi moratorji – Artikolu 266 TFUE – Artikolu 90(4) tar-Regolament ta’ Delega (UE) Nru 1268/2012 – Ksur suffiċjentement ikkaratterizzat minn regola ta’ dritt li tagħti drittijiet lill-individwi – Rata ta’ interessi moratorji”)***

(2023/C 205/39)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

## Partijiet

*Rikorrenti:* Campine (Beerse, il-Belġju), Campine Recycling (Beerse) (rappreżentanti: C. Verdonck u B. Gielen, avukati)

*Konvenut:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: P. Rossi, G. Wilms u L. Wildpanner, aġenti)

## Suġġett

Permezz tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jitolbu, prinċipalment, abbażu tal-Artikolu 268 TFUE u tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE, moqrija flimkien mat-tieni paragrafu tal-Artikolu 266 TFUE, minn naħa, il-kumpens tad-dannu li ġarrbu minħabba n-nuqqas ta’ ħlas mill-Kummissjoni Ewropea tal-interessi moratorji li jidhru li saru dovuti wara s-sentenza tas-7 ta’ Novembru 2019, Campine u Campine Recycling vs Il-Kummissjoni (T-240/17, mhux ippubblikata, EU:T:2019:778), u, min-naħa l-oħra, il-ħlas tal-interessi moratorji fuq dan il-kumpens u, sussidjarjament, abbażi tar-raba’ paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, l-annullament tad-deċiżjoni li tinsab fl-ittra tal-Kummissjoni tat-13 ta’ Jannar 2020, jew, iktar sussidjarament, fl-ittra elettronika tagħha tal-10 ta’ Diċembru 2019, li tirrifjuta li tħallashom l-imsemmija interessi moratorji u l-kundanna tal-Kummissjoni għal kumpens bis-saħħa tal-Artikolu 340 TFUE jew li tadotta l-miżuri xierqa sabiex tikkonforma ruħha bis-sħiħ mal-imsemmija sentenza, b’konformità mar-rekwiżiti previsti mill-ewwel paragrafu tal-Artikolu 266 TFUE.

## Dispożittiv

1) Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata li tħallas kumpens ta’ ammont ta’ EUR 300 637,32 lil Campine u lil Campine Recycling abbażi tal-kumpens tad-dannu mġarrab.

2) Il-kumpens imsemmi fil-punt 1 ser ikun miżjud b’interessi moratorji, b’effett mill-11 ta’ Diċembru 2019 sal-ħlas sħiħ, bir-rata applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) għat-tranżazzjonijiet prinċipali ta’ rifinanzjament, miżjuda bi 3,5 punti ta’ perċentwali.

3) Il-Kummissjoni hija kkundannata li tbati, minbarra l-ispejjeż tagħha stess, l-ispejjeż sostnuti minn Campine u Campine Recycling.

[1] ĠU C 137, 27.4.2020.

**Rikors ippreżentat fl-4 ta’ April 2023 – Ben Ali vs Il-Kunsill**

**(Kawża T-178/23)**

(2023/C 205/40)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Halima Bent Zine El Abidine Ben Haj Hamda Ben Ali (Abu Dabi, l-Emirati Għarab Magħquda) (rappreżentant: É. Deprez, avukat)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tiddikjara ammissibbli t-talbiet tar-rikorrenti fir-rigward ta’ dan ir-rikors;

— tannulla l-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/72/PESK tal-31 ta’ Jannar 2011 dwar il-miżuri restrittivi sa fejn jikkonċerna lir-rikorrenti sa fejn dan l-anness ġie estiż permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2023/159 tat-23 ta’ Jannar 2023 u l-effetti tiegħu;

— tikkundanna lill-Kunsill iħallas lir-rikorrenti s-somma ta’ EUR 20 000 fir-rigward tat-teħid ta’ responsabbiltà għad-drittijiet tad-difiża tagħha;

— tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka ħames motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq il-fatt li r-rikorrenti kienet minuri fiż-żmien tal-fatti allegati insostenn tal-inklużjoni tagħha fil-lista ta’ sanzjonijiet.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq żball manifest ta’ evalwazzjoni mill-Kunsill. Ir-rikorrenti ssostni f’dan ir-rigward li, qabel ma jibbaża ruħu fuq deċiżjoni ta’ awtorità ta’ Stat terz, il-Kunsill għandu jivverifika jekk din id-deċiżjoni ġietx adottata b’osservanza tad-drittijiet tad-difiża. Madankollu, mill-qari tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell ta’ Tuneż tat-30 ta’ Settembru 2021 jirriżulta li d-drittijiet tad-difiża tar-rikorrenti ma ġewx irrispettati mill-qorti tal-ewwel istanza.

3. It-tielet motiv ibbażat fuq il-ksur tal-preżunzjoni tal-innoċenza, għar-raġuni li l-ebda kundanna definittiva ma ngħatat kontriha.

4. Ir-raba’ motiv ibbażat fuq il-ksur tal-libertà tal-intrapriża, għar-raġuni li l-miżura kkontestata tista’ jkollha konsegwenzi negattivi kunsiderevoli fuq il-ħajja professjonali tar-rikorrenti.

5. Il-ħames motiv ibbażat fuq il-ksur tad-dritt għax-xogħol sa fejn id-deċiżjoni kkontestata tpoġġi lir-rikorrenti f’sitwazzjoni li tipprekludiha milli taħdem.

**Rikors ippreżentat fl-14 ta’ April 2023 – Mindspa vs EUIPO – Mind Solutions (MINDSPA)**

**(Kawża T-196/23)**

(2023/C 205/41)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Mindspa OÜ (Tallinn, l-Estonja) (rappreżentant: A. Pavelts, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Mind Solutions Ltd (Sofija, il-Bulgarija)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Applikant għat-trade mark kontenzjuża:* ir-rikorrenti

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea MINDSPA – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 18 306 780

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO:* proċedimenti ta' oppożizzjoni

*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tad-9 ta' Frar 2023 fil-Każ R 374/2022-1

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla parzjalment id-deċiżjoni kkontestata, sa fejn il-Bord tal-Appell tal-EUIPO laqgħa l-oppożizzjoni u ċaħad l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark tal-Unjoni Ewropea MINDSPA (Nru 18 306 780);

— tordna li tingħata protezzjoni b'mod sħiħ lit-trade mark inkwistjoni;

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

**Motiv invokat**

— Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

**Rikors ippreżentat fl-14 ta' April 2023 – Mindspa vs EUIPO – Mind Solutions (SYNCTUITION MINDSPA)**

**(Kawża T-197/23)**

(2023/C 205/42)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Mindspa OÜ (Tallinn, l-Estonja) (rappreżentant: A. Pavelts, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Mind Solutions Ltd (Sofija, il-Bulgarija)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Applikant għat-trade mark kontenzjuża:* ir-rikorrenti

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea SYNCTUITION MINDSPA – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 18 306 782

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO:* proċedimenti ta' oppożizzjoni

*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tad-9 ta' Frar 2023 fil-Każ R 375/2022-1

### Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla parzjalment id-deċiżjoni kkontestata, sa fejn il-Bord tal-Appell tal-EUIPO laqgħa l-oppożizzjoni u ċaħad l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark tal-Unjoni Ewropea MINDSPA (Nru 18 306 782);

— tordna li tingħata protezzjoni b'mod sħiħ lit-trade mark inkwistjoni;

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

### Motiv invokat

— Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

## Rikors ippreżentat fis-17 ta' April 2023 – USF vs EPSU-CJ vs Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

**(Kawża T-198/23)**

(2023/C 205/43)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Union Syndicale Fédérale/European Public Service Union – Cour de Justice (Lussemburgu, il-Lussemburgu) (rappreżentanti: J.-N. Louis u M. Maes, avukati)

*Konvenut:* Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

### Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

taqta' u tiddeċiedi,

— li r-rikors huwa ammissibbli u fondat,

— li d-deċiżjoni li r-rikorrenti titneħħa mil-lista tad-destinatarji tal-avviżi tad-deċiżjonijiet individwali mxandra mill-indirizz "Distribution décisions URC" kif ukoll mil-Listes IN-OUT, hija ineżistenti jew, għall-inqas, annullata;

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw erba' motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq in-nuqqas ta' kompetenza tal-awtorità li adottat id-deċiżjoni kkontestata.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq il-ksur tad-dritt għal amministrazzjoni tajba stabbilit mill-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li jinkludi d-dritt għal smigħ ta' kull persuna qabel ma tittieħed fil-konfront tagħha deċiżjoni individwali li tolqotha b'mod sfavorevoli.

3. It-tielet motiv ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 25 tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea li jimponi fuq kull istituzzjoni tal-Unjoni li tippubblika fi ħdanha d-deċiżjonijiet individwali kollha relattivi għall-ħatra, għall-istabbiliment, għall-promozzjoni, għat-trasferiment, għad-determinazzjoni tal-istat amministrattiv u għat-tmiem tas-servizz ta' uffiċjal.

4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq il-ksur tal-ftehim qafas iffirmat bejn l-Awtorità tal-Ħatra tal-Qorti tal-Ġustizzja u r-rikorrenti li jipprovdi li d-deċiżjonijiet tal-Awtorità tal-Ħatra li jikkonċernaw lil organizzazzjoni sindakali jew professjonali rappreżentattiva u firmatarja għall-imsemmi ftehim ma jistgħux jiġu adottati mingħajr ma jkun jaf ir-Reġistratur, kif ġara f'dan il-każ.

---

**Rikors ippreżentat fit-18 ta' April 2023 – Kivikoski *et* vs Il-Kunsill**

**(Kawża T-202/23)**

(2023/C 205/44)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Ville Kivikoski (Wezembeek-Oppem, il-Belġju), Ottavia Maffia (Brussell, il-Belġju), Peter Pristovnik (Brussell) (rappreżentant: N. de Montigny, avukata)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tat-13 ta' Lulju 2022;

— tannulla, se fejn meħtieġ, inkwantu timmotiva d-deċiżjoni tat-13 ta' Lulju 2022, id-deċiżjoni ta' ċaħda tal-ilment datata t-2 ta' Frar 2023;

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħhom kontra d-deċiżjoni tas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2022 li ma tagħtihomx promozzjoni abbażi tal-proċedura ta' promozzjoni 2022, ir-rikorrenti jinvokaw żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv huwa bbażat fuq l-illegalità tad-deċiżjoni kkontestata sa fejn din hija msejsa fuq applikazzjoni żbaljata tar-regoli u tar-rati statutorji applikabbli fil-qasam tal-promozzjoni, li tikser ir-Regoli tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea u kkawżat telf serju ta' opportunità li dawn ikunu jistgħu jiġu promossi għall-grad AST 8.

2. It-tieni motiv huwa bbażat fuq ksur tal-prinċipji ta' prevedibbiltà u ta' ċertezza legali u fuq il-fatt li huma sostnew inugwaljanza fit-trattament illegali, ibbażata fuq l-appartenenza tagħhom għall-grad AST 7, li ma hijiex prevista mil-leġiżlatur.

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea
L-2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT